# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 49

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

25 ta' Frar 2017

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/323 tal-20 ta' Jannar 2017 li jikkoreġi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji għal tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali** [1] ........ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/324 tal-24 ta' Frar 2017 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kopolimeru metakrilat bażiku (E 1205)** [1] 4

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/325 tal-24 ta' Frar 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** 6

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/326 tal-24 ta' Frar 2017 li jemenda għall-261 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida** ........ 30

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/327 tal-24 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 32

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/328 tal-21 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-bank ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank of Greece** ..... 34

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/329 tal-4 ta' Novembru 2016 dwar il-miżura SA.39235 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Ungerija dwar it-taxxa tad-dħul mir-reklamar** *(notifikata bid-dokument C(2016) 6929)* ([1]) ..... 36

## Rettifika

★ **Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida** (ĠU L 180, 29.6.2013) ..... 50

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/323

**tal-20 ta' Jannar 2017**

**li jikkoreġi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji għal tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(15) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 [2] ġie adottat fl-4 ta' Ottubru 2016 u ġie ppubblikat fil-15 ta' Diċembru 2016. Huwa jistipula l-istandards għall-iskambju f'waqtu, akkurat u segregat tal-kollateral meta l-kuntratti tad-derivattivi ma jkunux ikklerjati minn kontroparti ċentrali u jinkludi għadd ta' rekwiżiti dettaljati li għandhom jintlaħqu biex grupp jikseb l-eżenzjoni milli jipprovdu marġni għal tranżazzjonijiet intragrupp. Minbarra dawn ir-rekwiżiti, meta waħda miż-żewġ kontropartijiet fil-grupp tkun domiċiljata f'pajjiż terz li għalih determinazzjoni tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tkun għadha ma ġietx ipprovduta, il-grupp irid jiskambja marġinijiet ta' varjazzjoni u inizjali ssegregati b'mod xieraq għat-tranżazzjonijiet intragrupp kollha mas-sussidjarji f'dawn il-pajjiżi terzi. Sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġini u filwaqt li jitqiesu rekwiżiti simili għall-obbligi tal-ikklerjar, ir-Regolament Delegat jipprovdi għal dewmien fl-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit partikolari sabiex jitħalla biżżejjed żmien għall-ikkompletar tal-proċess li jwassal tad-determinazzjoni tal-ekwivalenza, filwaqt li ma jirrikjedix allokazzjoni ineffiċjenti tar-riżorsi għal gruppi b'sussidjarji domiċiljati f'pajjiżi terzi.

(2) Fl-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, id-dispożizzjoni dwar l-applikazzjoni tal-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżiti tal-marġini ta' varjazzjoni għal tranżazzjonijiet intragrupp b'mod analogu mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 36(2) (li jikkonċerna r-rekwiżiti tal-marġini inizjali) hija nieqsa. Għalhekk għandhom jiżdiedu żewġ paragrafi ġodda mal-Artikolu 37, li huwa l-Artikolu li jispeċifika l-iskeda ta' introduzzjoni gradwali għar-rekwiżiti tal-marġini ta' varjazzjoni. Dawk il-paragrafi huma analogi għall-paragrafi 2 u 3 eżistenti tal-Artikolu 36, b'tali mod li meta ssir tranżazzjoni intragrupp bejn entità tal-Unjoni u entità ta' pajjiż terz, l-iskambju tal-marġini ta' varjazzjoni ma jkunx meħtieġ qabel tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament fejn

[1] ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.
[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 tal-4 ta' Ottubru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji għal tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali (ĠU L 340, 15.12.2016, p. 9).

ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni ta' ekwivalenza għal dak il-pajjiż terz. Meta jkun hemm deċiżjoni ta' ekwivalenza, ir-rekwiżiti jenħtieġ li japplikaw jew erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-ekwivalenza, jew skont l-iskeda ta' żmien ġenerali, skont liema minnhom tkun l-aktar tard.

(3) L-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, ippreżentat mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej lill-Kummissjoni fit-8 ta' Marzu 2016, kien jinkludi l-istess perjodu ta' dħul gradwali kemm għall-marġini inizjali u wkoll għall-marġini ta' varjazzjoni. Il-ħtieġa għal korrezzjoni hija dovuta minħabba żball tekniku fil-proċess li jwassal għall-adozzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 fejn l-inklużjoni taż-żewġ paragrafi dwar l-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżiti tal-marġini ta' varjazzjoni għal tranżazzjonijiet intragrupp tħalliet barra.

(4) Għalhekk ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 jenħtieġ li jiġi kkoreġut skont dan.

(5) Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 daħal fis-seħħ fl-4 ta' Jannar 2017. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' kontinwità fl-applikazzjoni tal-perjodi ta' introduzzjoni gradwali inizjali u għall-marġni ta' varjazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza b'applikazzjoni retroattiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

"3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, fejn il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jintlaħqu, l-Artikoli 9(1), 10 u 12 għandhom japplikaw kif ġej:

(a) tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament meta ma tiġi adottata l-ebda deċiżjoni dwar l-ekwivalenza skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għall-finijiet tal-Artikolu 11(3) ta' dan ir-Regolament rigward il-pajjiż terz rilevanti;

(b) id-data l-iktar tard minn dawn li ġejjin meta tiġi adottata deċiżjoni dwar l-ekwivalenza skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għall-finijiet tal-Artikolu 11(3) ta' dan ir-Regolament rigward il-pajjiż terz rilevanti:

(i) erba' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għall-finijiet tal-Artikolu 11(3) ta' dan ir-Regolament rigward il-pajjiż terz rilevanti;

(ii) id-data applikabbli ddeterminata skont il-paragrafu 1.

4. Id-deroga msemmija fil-paragrafu 3 għandha tapplika biss meta l-kontropartijiet għal kuntratt tad-derivattivi OTC ikklirjat mhux ċentralment jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) kontroparti waħda tkun stabbilita f'pajjiż terz u l-kontroparti l-oħra tkun stabbilita fl-Unjoni;

(b) il-kontroparti stabbilita f'pajjiż terz tkun jew kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja;

(c) il-kontroparti stabbilita fl-Unjoni tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) kontroparti finanzjarja, kontroparti mhux finanzjarja, kumpanija azzjonarja finanzjarja, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali xierqa u l-kontroparti ta' pajjiż terz imsemmija fil-punt (a) tkun kontroparti finanzjarja;

(ii) kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja u l-kontroparti ta' pajjiż terz imsemmija fil-punt (a) tkun kontroparti mhux finanzjarja;

(d) iż-żewġ kontropartijiet ikunu inklużi fl-istess konsolidazjoni fuq bażi sħiħa skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(e) iż-żewġ kontropartijiet ikunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskju;

(f) jintlaħqu r-rekwiżiti tal-Kapitolu III.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-4 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/324**

**tal-24 ta' Frar 2017**

**li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kopolimeru metakrilat bażiku (E 1205)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ([3]) jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(2) Dawk l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, kemm b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew inkella wara talba.

(3) Fil-21 ta' Novembru 2014, tressqet applikazzjoni għall-emenda ta' speċifikazzjonijiet li jikkonċernaw l-addittiv tal-ikel kopolimeru metakrilat bażiku (E 1205). L-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.

(4) L-applikant talab biex tiġi emendata d-definizzjoni tal-addittiv tal-ikel fir-rigward tad-deskrizzjoni qasira tal-proċess ta' manifattura minħabba l-modernizzazzjoni tal-proċess ta' manifattura. Wara reviżjoni bir-reqqa tad-daqs tal-partiċelli fl-ispeċifikazzjoni attwali, l-applikant talab bidla fid-daqs tal-partiċelli tat-trab.

(5) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni dwar is-sikurezza tal-emenda proposta tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kopolimeru metakrilat bażiku (E 1205) bħala addittiv tal-ikel ([4]). Abbażi tad-dejta pprovduta mill-applikant u filwaqt li qieset l-evalwazzjoni oriġinali tas-sustanza fl-2010 ([5]), l-Awtorità kkonkludiet li l-emendi proposti għall-ispeċifikazzjonijiet tal-addittiv tal-ikel kopolimeru metakrilat bażiku (E 1205) mhumiex ta' tħassib għas-sikurezza.

(6) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).
([4]) EFSA Journal 2016;14(5):4490 p. 13.
([5]) EFSA Journal 2010;8(2):1513, p. 23.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

*ANNESS*

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, l-entrati għall-addittiv tal-ikel E 1205 kopolimeru metakrilat bażiku huma emendati kif ġej:

(1) L-entrata għad-definizzjoni qed tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "**Definizzjoni** | Il-kopolimeru metakrilat bażiku jiġi mmanifatturat mill-polimerizzazzjoni termika kkontrollata tal-monomeri tal-metakrilat metiliku, il-metakrilat butiliku u l-metakrilat dimetilamminoetiliku (maħlula fil-propan-2-ol) bl-użu ta' sistema donor initiator tar-radikali ħielsa. Merkaptan alkiliku jintuża bħala aġent li jimmodifika l-katina. Is-soluzzjoni tal-polimeru hija estruża u granulata f'vakwu biex jitneħħewlha l-komponenti volatili residwi. Il-granuli li jirriżultaw jitqiegħdu fis-suq hekk jew isirilhom stadju tat-tħin (il-mikronizzazzjoni)." |

(2) L-entrata għad-daqs tal-partiċella qed tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Id-daqs tal-partiċella tat-trab (meta jintuża jifforma rita) | < 50 μm mill-inqas 95 %<br>< 20 μm mill-inqas 50 %<br>< 3 μm mhux aktar minn 10 %" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/325

## tal-24 ta' Frar 2017

## li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u, b'mod partikolari, l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

### A. **PROĊEDURA**

#### 1. **Miżuri fis-seħħ**

(1) Bir-Regolament (UE) Nru 1105/2010 ([2]), il-Kunsill impona dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ", jew "iċ-Ċina").

(2) Il-miżuri imposti ħadu l-forma ta' dazju *ad valorem* b'rata residwa ta' 9,8 % filwaqt li l-kumpaniji li fuqhom ġew imposti d-dazji antidumping irċevew rata ta' dazju individwali li tvarja minn 5,1 % sa 9,8 %. Fl-investigazzjoni oriġinali nstab li żewġ kumpaniji ma kinux qed iwettqu dumping.

#### 2. **Talba għal rieżami tal-iskadenza**

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ([3]) tal-miżuri antidumping fis-seħħ, il-Kummissjoni rċeviet talba għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) It-talba saret fil-31 ta' Awwissu 2015 minn CIRFS ("The European Manmade Fibres Association" jew "l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri.

(5) It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri aktarx kienet tirriżulta f'kontinwazzjoni u/jew rikorrenza ta' dumping u ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

#### 3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(6) Wara li kkonsultat mal-Kumitat, stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku u ddeterminat li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni ħabbret fit-28 ta' Novembru 2015, permezz ta' notifika ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) ("Notifika ta' bidu"), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21
([2]) ĠU L 315, 1.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU C 77, 5.3.2015, p. 9.
([4]) ĠU C 397, 28.11.2015, p. 10.

## 4. **Investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza**

### 4.1. *Perjodi rilevanti koperti mill-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza*

(7) L-investigazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u ta' dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2014 sat-30 ta' Settembru 2015 ("il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami" jew "PIR"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sat-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami (il-"perjodu kkunsidrat").

### 4.2. *Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni u l-kampjunar*

(8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikant, lill-produtturi esportaturi u lill-importaturi magħrufa li huma kkonċernati u lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur dwar il-bidu tar-rieżami tal-iskadenza.

(9) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fil-limiti ta' żmien stipulati fin-Notifika ta' bidu. Ebda parti interessata ma talbet smigħ quddiem il-Kummissjoni.

(10) Fid-dawl tal-għadd apparentement kbir ta' produtturi esportaturi Ċiniżi kif ukoll ta' importaturi mhux relatati fl-Unjoni, fin-Notifika ta' bidu kien previst kampjunar skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(11) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun rappreżentattiv, il-produtturi esportaturi u l-importaturi Ċiniżi mhux relatati ġew mitluba jippreżentaw irwieħhom fi żmien 15-il jum mill-bidu tar-rieżami u jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fin-Notifika ta' bidu.

(12) Ebda produttur esportatur Ċiniż ma kkoopera mal-investigazzjoni.

(13) B'kollox ġew ikkuntattjati sitt importaturi mhux relatati fl-istadju tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' bidu. Waslu tweġibiet mingħand 15-il importatur mhux relatati. Minħabba l-għadd kbir ta' importaturi li kkooperaw il-Kummissjoni ħadet kampjun. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' importazzjonijiet li jistgħu jiġu investigati b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-kampjun magħżul oriġinarjament kien jikkonsisti fi tliet kumpaniji u kien jirrappreżenta 29 % tal-volum ta' importazzjonijiet stmat mir-RPĊ lejn l-Unjoni u 85 % tal-volumi ta' importazzjonijiet irrapportati mill-15-il persuna li wieġbu. Ġiet riċevuta biss it-tweġiba ta' importatur mhux relatat wieħed għall-kwestjonarju.

(14) B'kollox ġew ikkuntattjati għaxar utenti magħrufin fl-istadju tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' bidu. Waslu tweġibiet mingħand erbgħa minnhom. Il-kampjunar ma kienx previst għall-utenti u l-Kummissjoni ddeċidiet li tinvestigahom kollha.

(15) Ħames produtturi tal-Unjoni li rrappreżentaw madwar 97 % tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri fil-PIR kkooperaw mal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dan in-numru żgħir, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapplikax kampjunar.

### 4.3. *Il-kwestjonarji u l-verifika*

(16) Intbagħtu kwestjonarji lill-ħames produtturi tal-Unjoni li kkooperaw u lil produttur wieħed f'pajjiż analogu potenzjali, li qabel li jikkoopera.

(17) Saru żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produtturi tal-Unjoni:

— Brilen Tech S. A., Spanja

— Sioen Industries NV, Il-Belġju

— DuraFiber Technologies (DFT) SAS, Franza

— DuraFiber Technologies (DFT) GmbH, il-Ġermanja

— PHP Fibers GmbH, il-Ġermanja

(b) Produttur f'pajjiż analogu:

— DuraFiber Technologies, l-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti")

## B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

### 1. Il-prodott ikkonċernat

(18) Il-prodott ikkonċernat huwa ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri (għajr ħajt tal-ħjata), mhux disponibbli għall-bejgħ għall-konsumaturi, inkluż il-monofilament ta' anqas minn 67 deċiteks li joriġina mir-RPĊ ("il-prodott ikkonċernat" jew "HTY") li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 5402 20 00.

### 2. Prodott simili

(19) L-investigazzjoni tar-rieżami kkonfermat li l-prodott ikkonċernat, il-ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri prodott u mibjugħ fil-pajjiż analogu (l-Istati Uniti) għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi bażiċi. Għaldaqstant, dawn il-prodotti jitqiesu li huma prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## C. IL-PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW TA' RIKORRENZA TAD-DUMPING

(20) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti tistax twassal biex id-dumping mir-RPĊ ikompli jew jerġa' jseħħ.

### 1. Kooperazzjoni mir-RPĊ

(21) Ebda produttur esportatur Ċiniż ma kkoopera mal-investigazzjoni. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, l-analiżi globali, inkluż il-kalkolu tad-dumping, kienet ibbażata fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' rikorrenza ta' dumping ġiet ivvalutata billi ntużat talba ta' rieżami ta' skadenza, flimkien ma' sorsi oħrajn ta' informazzjoni, bħal statistiċi tal-kummerċ dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet (l-Eurostat u d-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża), it-tweġiba mingħand il-produttur ta' pajjiż analogu u informazzjoni oħra disponibbli pubblikament ([1]).

(22) In-nuqqas ta' kooperazzjoni affettwat it-tqabbil tal-valur normali mal-prezz tal-esportazzjoni ta' tipi ta' prodott differenti. Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, tqies xieraq li jiġu stabbiliti kemm il-valur normali kif ukoll il-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi globali.

(23) Skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, l-istess metodoloġija użata sabiex jiġi stabbilit id-dumping fl-investigazzjoni oriġinali ġiet segwita kull meta nstab li ma nbidlux iċ-ċirkostanzi.

([1]) F'dan ir-Regolament, l-informazzjoni kollha disponibbli pubblikament li saret referenza għaliha ġiet inkluża fir-rapporti speċifiċi għas-settur (PCI Fibres — World Synthetic Fibres Supply/Demand Reports għall-2008 u l-2013 — ara l-premessi 42, 47, 52 hawn taħt, kif ukoll PCI Fibres — Technical Fibres Report, Settembru 2014 u Jannar 2015 — ara l-premessa 58 hawn taħt), maħruġa minn kumpanija tal-konsulenza jisimha PCI Wood Mackenzie.

2. **Dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami**

(a) *Il-pajjiż analogu*

(24) Il-valur normali ġie ddeterminat abbażi tal-prezzijiet imħallsa f'pajjiż terz xieraq b'ekonomija tas-suq ("il-pajjiż analogu"), skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(25) Fl-investigazzjoni oriġinali, it-Tajwan intuża bħala pajjiż analogu għall-iskopijiet tal-istabbiliment tal-valur normali fir-rigward tar-RPĊ. Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni infurmat lil partijiet interessati li qieset l-użu tat-Tajwan bħala pajjiż analogu u stiednet lill-partijiet biex jikkummentaw. In-Notifika ta' bidu żiedet ukoll li, skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, setgħu nstabu fornituri oħrajn tal-ekonomija tas-suq tal-Unjoni, fost l-oħrajn, fl-Istati Uniti u fir-Repubblika tal-Korea.

(26) Parti interessata minnhom appoġġat l-għażla tat-Tajwan bħala pajjiż analogu, minħabba t-tagħmir u l-proċess tal-produzzjoni simili għal dawk użati mill-produtturi Ċiniżi. Madankollu, ebda produttur mit-Tajwan ma qabel li jikkoopera mal-investigazzjoni.

(27) Abbażi tal-istatistika tal-importazzjonijiet u l-informazzjoni mit-talba għal rieżami, apparti t-Tajwan, il-Kummissjoni qieset għadd ta' pajjiżi oħrajn bħala pajjiżi analogi potenzjali, bħar-Repubblika tal-Korea, l-Indja, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerka ([1]). Intbagħtu talbiet għal kooperazzjoni lill-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet magħrufin kollha minn dawn il-pajjiżi. Produttur wieħed biss fl-Istati Uniti (Dura Fibres) qabel li jikkoopera.

(28) Il-Kummissjoni sabet li l-Istati Uniti kellhom rata tad-dazju doganali konvenzjonali sinifikanti (8,8 %) fuq l-importazzjonijiet ta' HTY minn pajjiżi terzi, iżda ebda dazju antidumping. Dura Fibres hija l-uniku produttur tal-prodott ikkonċernat fl-Istati Uniti tal-Amerka li kellu madwar 30 % tas-sehem mis-suq matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, huwa soġġett għal kompetizzjoni b'saħħitha mill-pajjiżi esportaturi ([2]).

(29) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq u fin-nuqqas ta' xi kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Istati Uniti huma pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(b) *Valur normali*

(30) L-informazzjoni riċevuta mingħand il-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu ntużat bħala bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali.

(31) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti magħmul minn produtturi li kkooperaw fl-Istati Uniti kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-volum totali mir-RPĊ għall-Unjoni, jiġifieri jekk il-volum totali ta' tali bejgħ domestiku kienx jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ f'esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. Fuq din il-bażi, instab li l-bejgħ domestiku fil-pajjiż analogu kien rappreżentattiv.

(32) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat ukoll jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili jistax jitqies li qed isir fil-perkors normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv, li ġie kkalkolat bħala prezz medju tal-bejgħ domestiku li sar matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(c) *Prezz tal-esportazzjoni*

(33) Kif iddikjarat fil-premessa 15 hawn fuq, il-produtturi esportaturi Ċiniżi ma kkooperawx fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

---

([1]) Ir-Repubblika tal-Korea flimkien maċ-Ċina u mat-Tajwan tirrappreżenta aktar minn 90 % tal-importazzjonijiet totali ta' HTY matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-Indja u l-Ġappun, għad li b'volumi ta' importazzjoni limitati, ġew ikkunsidrati minħabba l-volumi ta' produzzjoni ġenerali u d-daqs tas-suq domestiku tagħhom.

([2]) L-importazzjonijiet, inkluż iċ-Ċina, jirrappreżentaw madwar 71 % tal-konsum totali fl-2015 (sors: id-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti u l-Kummissjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Istati Uniti).

(34) Il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-istatistiki disponibbli fuq Eurostat. Il-volumi importati mill-produtturi Ċiniżi li nstabu li ma kinux qed iwettqu dumping fl-investigazzjoni oriġinali (madwar 40 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi) ma ġewx ikkunsidrati għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni.

(35) Parti interessata ddikjarat li l-volumi minn produtturi Ċiniżi li nstabu li mhux qed jagħmlu dumping fl-investigazzjoni oriġinali ma kellhomx jiġu esklużi mill-kalkolu tal-marġni tad-dumping għax ma hemm l-ebda dispożizzjoni f'dan is-sens fir-Regolament bażiku, Madankollu, hija l-prassi tal-Kummissjoni ([1]), fl-applikazzjoni tal-interpretazzjoni tal-Ftehim dwar l-Antidumping ipprovdut mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO fil-każ *Beef and rice* ([2]), li teskludi kumpaniji mir-rieżami li fir-rigward tagħhom ikun instab marġni ta' dumping *de minimis* fl-investigazzjoni inizjali. Għaldaqstant, it-talba ġiet miċħuda.

(d) *Paragun*

(36) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni għal differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(37) Rigward il-prezzijiet domestiċi tal-produttur tal-pajjiż analogu saru aġġustamenti għall-ispejjeż tat-trasportazzjoni domestika u l-ispejjeż tal-ippakkjar ((2 %–4 %) tal-valur tal-fattura) u l-kummissjonijiet (0,5 %–1,5 %). Fir-rigward tal-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-valur tal-fabbrika "ex-works" ġie stabbilit billi tnaqqas mill-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni l-perċentwal għat-trasport, għall-assigurazzjoni, għall-immaniġġar u għal allokazzjonijiet oħrajn, kif stmati fit-talba għal rieżami (12,98 %). Fir-rigward tal-gratifiki għall-bejgħ tal-esportazzjonijiet, parti interessata kkritikat l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u ssuġġeriet li jenħtieġ li l-gratifiki mill-produttur tal-pajjiż analogu jintużaw minflok l-istima inkluża fit-talba għal rieżami. Madankollu, ma jidhirx li dan il-metodu huwa xieraq billi l-gratifiki rappurtati mill-produttur tal-pajjiż analogu jirreferu għall-bejgħ domestiku fl-Istati Uniti tal-Amerka u ma għandhom l-ebda rilevanza għall-istima tal-gratifiki tal-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' informazzjoni kredibbli oħra, il-Kummissjoni tiddependi fuq l-istima għal gratifiki ta' bejgħ tal-esportazzjoni pprovduti f'din it-talba.

(e) *Il-marġni tad-dumping*

(38) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-marġni ta' dumping espress bħala perċentwali tal-prezz ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, instab li kien 54,4 %.

(39) Minkejja d-differenza sinifikanti bejn il-marġni tad-dumping li nstab fl-investigazzjoni oriġinali u dak li rriżulta mill-analiżi kurrenti, ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' bidla fl-imġiba tal-esportazzjoni mill-produtturi Ċiniżi. Għall-kuntrarju, huwa plawżibbli li r-raġuni għad-differenza tista' tkun dovuta primarjament għall-impossibbiltà (minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi) li ssir analiżi ddettaljata skont it-tip ta' prodott.

(f) *Konklużjoni dwar id-dumping fil-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami*

(40) Il-Kummissjoni sabet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi komplew jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni bi prezzijiet oġġetti ta' dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3. **Evidenza dwar il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni tad-dumping**

(41) Il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk kienx hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk il-miżuri jiskadu. Meta għamlet dan, analizzat il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità żejda fiċ-Ċina, l-imġiba tal-esportaturi Ċiniżi fi swieq oħra, is-sitwazzjoni fis-suq domestiku taċ-Ċina u kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni.

([1]) Ara pereżempju ĠU L 343, 19.12.2008, il-premessa 143.
([2]) Ara Appellate Body Report Mexico — Definitive Anti-Dumping Measures on Beef and Rice: Complaint with Respect to Rice (WT/DS295/AB/R), adottat fl-20 ta' Diċembru 2005, il-paragrafi 300-307.

(a) *Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ*

(42) Id-determinazzjoni tal-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina tbati min-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. Sabiex tiġbor l-akbar ammont ta' informazzjoni possibbli, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand żewġ assoċjazzjonijiet ta' esportaturi Ċiniżi (il-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali taċ-Ċina, "CCOIC", u l-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni tat-tessuti, "CCCT"), li l-membri tagħhom jammontaw għal aktar minn nofs il-kapaċità tal-produzzjoni stmata taċ-Ċina. Dawn l-assoċjazzjonijiet bagħtu tweġiba ddettaljata, li madankollu ma setgħetx tiġi vverifikata minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi. Il-paragrafi li ġejjin juru l-informazzjoni pprovduta, u jqabbluha ma' informazzjoni oħra disponibbli (mit-talba ta' rieżami u sorsi oħrajn disponibbli ([1])).

(43) Skont is-CCOIC-CCCT, il-kapaċità żejda fiċ-Ċina ppreżentat biss żieda limitata fil-perjodu 2012-PIR u setgħet tiġi stmata bħala li kienet qed tevolvi minn punt tat-tluq ta' 150 000–250 000 tunnellati metriċi (MT) fl-2012 għal livell ta' 200 000–300 000 MT fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(44) Is-servizzi tal-Kummissjoni għamlu kalkolu ddettaljat tal-kapaċità ta' riżerva wkoll fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli oħra. L-elementi ewlenin ta' dan il-kalkolu huma (i) il-kapaċità installata tal-produtturi Ċiniżi; (ii) id-domanda domestika; (iii) l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi oħrajn.

(45) Rigward il-konsum domestiku taċ-Ċina, il-partijiet interessati kollha jidhru li jaqblu fuq id-dejta li tinsab fit-talba. Din id-dejta tbassar tkabbir fid-domanda domestika fiċ-Ċina fil-perjodu kkunsidrat (+ 20 %, minn madwar 900 000 MT fl-2012 għal madwar 1 150 000 MT fl-2015).

(46) Rigward id-dejta dwar l-esportazzjonijiet taċ-Ċina, il-Kummissjoni kkunsidrat l-istatistiki taċ-Ċina dwar l-esportazzjonijiet, li wrew tkabbir ta' 47 % fil-perjodu 2012-PIR.

(47) Fl-aħħar nett, rigward l-istima tal-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża, skont it-talba tal-ilmentatur, li tirreferi għal studju tas-settur rikonoxxut internazzjonalment ([2]), il-kapaċità Ċiniża bdiet b'aktar minn 1 600 000 MT fl-2012 u laħqet madwar 2 400 000 MT fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

*Tabella 1*

| (f'1 000 MT) | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità taċ-Ċina ([1]) | 1 633 | 1 828 | 2 126 | 2 370 ([2]) |
| Domanda domestika ([1]) | 896 | 985 | 1 057 | 1 158 ([2]) |
| Esportazzjonijiet ([3]) | 255 | 294 | 362 | 376 |
| L-użu tal-kapaċità (%) | 71 | 70 | 67 | 65 |
| Kapaċità ta' riżerva | 482 | 549 | 707 | 836 |

([1]) Stima tal-ilmentatur.
([2]) Iċ-ċifra tirreferi għas-sena kalendarja 2015 peress li ma kien hemm ebda determinazzjoni preċiża disponibbli għall-PIR.
([3]) Bażi tad-dejta doganali taċ-Ċina.

(48) Abbażi ta' dan il-kalkolu, il-kapaċità żejda tal-produtturi Ċiniżi kienet stmata għal aktar minn 800 000 MT fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, jiġifieri seba' darbiet aktar mis-suq totali disponibbli tal-UE ([3]) u kważi disa' darbiet aktar mill-volumi tal-produzzjoni mill-produtturi tal-UE (stmat għal 92 461 MT).

([1]) Ara t-talba ta' rieżami, il-paġna 19 u PCI Fibres — World Synthetic Fibres Supply/Demand Reports għall-2008 u l-2013.
([2]) PCI Fibres — World Synthetic Fibres Supply/Demand Reports għall-2008 (il-paġni 393-410) u l-2013 (il-paġni 379-408).
([3]) Is-suq disponibbli tal-UE ġie kkalkolat billi ġie kkunsidrat biss il-konsum tal-Unjoni li xorta jista' jassorbi l-prodotti Ċiniżi. Tabilħaqq, minn madwar 217 000 MT ta' konsum stmat fl-Unjoni fil-PIR, madwar 98 000 MT diġà kienu koperti minn prodotti Ċiniżi (li minnhom 39 741 MT mhux soġġetti għall-miżuri u 57 464 MT soġġetti għall-miżuri). Għaldaqstant, il-konsum disponibbli tal-Unjoni huwa kkalkolat għal madwar 119 000 MT.

(49) Bħala konklużjoni, hemm raġunijiet għaliex wieħed jemmen li l-istima tal-kapaċità proposta minn CCOIC u CCCT hija konservattiva wisq. B'mod partikolari, meta mqabbla mal-istimi tad-domanda domestika u tal-esportazzjonijiet taċ-Ċina, dawn l-istudji jwasslu għal rata ta' użu tal-kapaċità ta' aktar minn 90 % għas-snin 2012 u 2013, li jissuġġerixxi li l-kapaċità tal-produzzjoni għal dawk is-snin kienet ferm sottovalutata. F'kull każ, anki jekk jiġi aċċettat dan il-kalkolu, il-kapaċità ta' riżerva eżistenti tal-produtturi Ċiniżi xorta waħda tkun tammonta għal 200 000–300 000 MT, li tiġi [daqs jew akbar mid-]daqs totali tas-suq Ewropew (madwar 217 000 MT, li madwar 98 000 MT minnha hija servita minn prodotti Ċiniżi diġà).

(50) Fir-rigward tal-kalkolu tal-kapaċità proposta mis-CCOIC u mis-CCCT, l-istess assoċjazzjonijiet ikkontestaw il-konklużjoni li l-istima tal-kapaċità tagħhom tkun konservattiva wisq. Fil-fehma tagħhom, fin-nuqqas ta' dejta vverifikata jenħtieġ li kemm l-istima tagħhom kif ukoll l-istudju indipendenti jitqiesu bħala "ugwalment mhux kredibbli". Madankollu, l-istima fornuta mis-CCOIC u mis-CCCT ma kinitx tidher stmata għolja żżejjed fir-rigward tad-dejta inkluża fl-istudju indipendenti biss, iżda anki għal dejta magħrufa jew mhux kontestata bħall-konsum domestiku Ċiniż u l-esportazzjonijiet Ċiniżi. Pereżempju, fir-rigward tas-sena 2012, l-assoċjazzjonijiet Ċiniżi stmaw produzzjoni attwali Ċiniża ta' 1 000 000 MT. Madankollu, għal dik is-sena, is-somma ta' konsum domestiku Ċiniż (dejta li mhijiex ikkontestata mill-assoċjazzjonijiet) u volumi ta' esportazzjonijiet (kif estratti mill-bażi tad-dejta tal-esportazzjonijiet Ċiniżi) ammontat għal 1 151 000 MT, jiġifieri 15,1 % ogħla mill-figura ta' produzzjoni stmata. Għaldaqstant, f'dan il-każ, id-dejta pprovduta miż-żewġ assoċjazzjonijiet tidher konservattiva wisq billi l-figuri ta' produzzjoni rrappurtati ma jippermettux li jiġi sostnut il-konsum ikkalkulat.

(51) Barra minn hekk, id-dejta miġbura mill-assoċjazzjonijiet Ċiniżi tirrappreżenta biss madwar nofs il-produtturi taċ-Ċina, l-istudju indipendenti ġie fornut minn kumpanija ta' konsultazzjoni bi tletin sena esperjenza fil-qasam, li professjonalment tipprovdi lill-abbonati tagħha bi tbassir u stimi dwar is-suq tal-fibri. Għaldaqstant, filwaqt li jitqiesu kemm is-sors tad-dejta kif ukoll il-kredibbiltà tagħha (anki meta mqabbla ma' dak li ġie indikat fi studju indipendenti ([1])), mhuwiex meħtieġ li tinbidel il-konklużjoni li skontha l-kalkolu tal-kapaċità żejda pprovdut mill-assoċjazzjoni Ċiniża jkun konservattiv wisq. Madankollu, ta' min jgħid li anki jekk jiġi aċċettat il-kalkolu propost, kif deskritt fil-paragrafu segwenti, il-konklużjoni dwar il-kapaċità żejda ma tinbidilx.

(52) Għaldaqstant, abbażi tal-kalkoli esposti hawn fuq, jidher ċar li l-kapaċità żejda Ċiniża hija enormi u tvarja (skont l-istimi) minn daqs li jirrappreżenta 92–138 % tad-daqs tas-suq tal-Unjoni, għal madwar 385 %. Jekk inqabblu l-kapaċità żejda taċ-Ċina mal-parti tas-suq tal-Unjoni li għadha mhijiex servita mill-prodotti Ċiniżi, din tvarja minn madwar 168–252 % sa madwar 700 %. Finalment, il-kapaċità żejda taċ-Ċina tirrappreżenta minn 216–324 % sa 904 % tal-produzzjoni tal-Unjoni tal-prodott investigat fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(53) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi Ċiniżi għandhom kapaċità żejda enormi għad-dispożizzjoni, meta mqabbla mad-daqs tas-suq Ewropew.

(b) *L-attraenza tas-suq tal-Unjoni*

(54) Iċ-Ċina tesporta kwantitajiet sinifikanti tal-prodott ikkonċernat lil pajjiżi terzi apparti l-Unjoni, speċjalment lejn l-Istati Uniti, ir-Repubblika tal-Korea, il-Brażil, l-Indja u t-Turkija. Il-paragun tal-livelli tal-prezz medju għal kull kg wera li l-prezz medju fis-swieq tal-esportazzjoni ewlenin fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami kien allinjat jew anqas mill-prezz tal-bejgħ medju lejn l-Unjoni. Fis-suq tal-Istati Uniti (li jinsab fit-tieni post wara l-UE f'termini ta' volumi esportati), il-prezz medju fil-PIR huwa kemxejn aktar baxx minn dak Ewropew (1,85 USD/kg vs 1,89 USD/kg), filwaqt li fis-suq Korean (it-tielet suq tal-esportazzjonijiet għall-prodott ikkonċernat wara l-UE u l-Istati Uniti) il-prezz medju huwa aktar baxx b'mod sinifikanti (1,58 USD/kg, jiġifieri madwar 16 % aktar baxx mill-prezzijiet tal-UE). Fir-rigward ta' dawn is-sejbiet, parti interessata tenniet li hemm tliet swieq ta' esportazzjoni sinifikanti ta' oġġetti Ċiniżi meta l-prezzijiet medji jkunu ogħla mill-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni, jiġifieri l-Kanada (1,90 USD/kg), l-Indoneżja (2,07 USD/kg) u l-Brażil (1,95 USD/kg). Fir-rigward ta' din l-istqarrija, ta' min l-ewwel jinnota li d-differenza fil-prezzijiet hija relattivament aktar baxxa (minn + 0,5 % għal + 9,4 %); barra minn hekk, id-daqs tal-esportazzjonijiet f'dawn is-swieq huwa pjuttost limitat meta mqabbel mal-esportazzjonijiet lejn l-Ewropa. Filwaqt li s-suq tal-Unjoni assorba 30,3 % tal-esportazzjonijiet Ċiniżi fil-PIR, il-Kanada tirrappreżenta biss 3,1 % tat-total u l-Brażil 5,1 %. Barra minn hekk, l-Indoneżja, li huwa l-pajjiż li jenfasizza l-ikbar differenza fil-prezzijiet (+ 9,4 %), jirrappreżenta biss 2 % tal-esportazzjonijiet Ċiniżi, għaldaqstant il-konklużjonijiet li wieħed jista' jislet minn dawn il-prezzijiet huma limitati. Barra minn hekk, il-parti interessata ma ssemmix erba' swieq oħra tal-esportazzjoni li jippreżentaw volumi simili ta' importazzjonijiet, jiġifieri l-Indja (5,6 %), it-Turkija (4,3 %),

([1]) PCI Fibres — World Synthetic Fibres Supply/Demand Reports għall-2008 (il-paġni 393-410) u l-2013 (il-paġni 379-408).

it-Tajwan (2,4 %), l-Afrika t'Isfel (2,3 %). F'dawn il-pajjiżi kollha l-prezzijiet medji kienu aktar baxxi minn dawk irrappurtati fl-Unjoni matul il-PIR, b'perċentwali li jvarjaw minn madwar 4 % għal aktar minn 12 %. Għaldaqstant, l-evidenza pprovduta ma kenitx biżżejjed biex tinbidel il-konklużjoni fir-rigward tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini tal-prezzijiet.

(55) Għalkemm dan it-tqabbil ma jistax jitqies konklużiv minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni dwar it-taħlita tat-tip ta' prodott, jidher li l-livell tal-prezzijiet fis-suq ewlieni tal-esportazzjonijiet jindika li l-preżenza tal-prattiki ta' dumping tista' tkun strutturali u komuni anki għal swieq ewlenin ta' destinazzjoni oħrajn tal-prodotti Ċiniżi.

(56) Madankollu, l-evidenza ewlenija tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping tinstab meta jiġu kkunsidrati l-volumi tal-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-UE. Tabilħaqq, l-evoluzzjoni tal-bejgħ mill-esportazzjonijiet fil-perjodu 2012-PIR turi li l-esportazzjoni mill-produtturi Ċiniżi żdiedet b'47 %. Dan huwa minnu anki meta l-analiżi teskludi l-bejgħ taż-żewġ esportaturi li nstabu mhumiex qed jagħmlu dumping fl-investigazzjoni oriġinali u għaldaqstant mhumiex soġġetti għall-miżuri antidumping attwali. Tabilħaqq, il-bejgħ mill-esportazzjonijiet tal-kumpaniji li jifdal fl-istess perjodu segwew tendenza simili (+ 48 %). Meta l-Kummissjoni qabblet din ir-rata ta' tkabbir mar-rata aktar limitata ta' tkabbir tad-domanda domestika fl-istess perjodu (+ 20 %), u mar-rata ferm aktar veloċi ta' tkabbir tal-kapaċità installata fiċ-Ċina (+ 54 % skont l-assoċjazzjonijiet tal-esportaturi, u + 69 % skont l-ilmentatur), deher ċar li l-kumpaniji Ċiniżi bilfors li jiddependu fuq strateġiji ta' pprezzar aggressivi fis-suq tal-esportazzjoni tagħhom sabiex jiksbu livell aċċettabbli ta' użu tal-kapaċità.

(57) Fir-rigward ta' dawn il-figuri ta' esportazzjoni, parti interessata tenniet li s-sehem tal-esportazzjonijiet Ċiniżi diretti lejn is-suq tal-Unjoni qed jonqos. Is-sehem tal-esportazzjonijiet Ċiniżi diretti lejn l-Unjoni naqas fil-perjodu mill-2012 sal-PIR minn madwar 35 % għal 30 %. Fir-rigward ta' din it-talba, ta' min jgħid li l-ewwel nett l-UE għadha s-suq ewlieni tal-esportazzjonijiet għall-esportaturi Ċiniżi. Barra minn hekk, dan it-tnaqqis żgħir huwa prinċipalment konsegwenza tal-prestazzjoni tajba tal-esportaturi Ċiniżi fi swieq oħrajn; prestazzjoni li jidher li hija kkawżata wkoll minn politiki ta' prezzar aggressivi f'dawk is-swieq. Pereżempju, fl-istess perjodu mill-2012 sal-PIR, l-esportaturi Ċiniżi lejn ir-Repubblika tal-Korea (suq li fih, kif jidher hawn fuq, il-prezzijiet Ċiniżi huma aktar baxxi mill-prezzijiet fl-UE fil-PIR b'madwar 16 %) żdiedu b'madwar 72 %. Fl-istess ħin, fis-suq Indoneżjan, li ssemma' hawn fuq bħala eżempju ta' pprezzar ġust (+ 9,4 % fuq il-prezz medju tal-Unjoni), il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet Ċiniżi batiet, b'volumi li naqsu b'madwar 16 %. Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-analiżi, il-konklużjoni li l-kumpaniji Ċiniżi jkollhom jiddependu fuq strateġiji ta' pprezzar aggressivi fis-suq tal-esportazzjonijiet tagħhom hija kkonfermata.

(58) Barra minn hekk, rigward it-tbassir għall-futur, studju indipendenti settorjali jbassar li d-domanda fiċ-Ċina għal fibri magħmulin mill-bniedem (kategorija tal-prodotti usa', li tinkludi l-prodott ikkonċernat) se tibqa' kostanti mill-inqas sal-2018 ([1]). Studju ieħor jissuġġerixxi wkoll li l-inventarji Ċiniżi huma mimlija, b'riżultat ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-prodott bażiku ([2]). Dan ġiegħel lill-industrija downstream tnaqqas il-provvista tagħha ta' ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) għall-minimu neċessarju, sabiex tevita riskji dovuti għaċ-ċaqliq fil-prezzijiet.

(59) Għaldaqstant, huwa probabbli li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi esportaturi Ċiniżi jibqgħu attivi fi prattiki ta' pprezzar aggressiv, sabiex jiksbu sehem akbar mis-suq fl-Ewropa għall-kapaċità eċċessiva sinifikanti tagħhom.

## 4. **Konklużjoni dwar id-dumping u l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping**

(60) L-investigazzjoni, li bbażat fuq l-aħjar fatti disponibbli, uriet li l-produtturi Ċiniżi kienu qed jagħmlu dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Ġie stabbilit li ċ-Ċina għandha kapaċità ta' riżerva enormi għad-dispożizzjoni tagħha (meta mqabbla mad-daqs tas-suq tal-Unjoni). Barra minn hekk, fid-dawl tat-tkabbir bil-mod tas-suq domestiku Ċiniż, il-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom bżonn jibqgħu jdaħħlu fl-Unjoni kwantitajiet sinifikanti tal-prodott ikkonċernat sabiex jiksbu livell aċċettabbli ta' bejgħ.

(61) F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa konkluż li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, huwa ferm probabbli li l-prattiki ta' dumping, li ma twaqqfux mill-miżuri, ikomplu fis-suq tal-UE.

([1]) PCI Fibres — Technical Fibres Report, Jannar 2015, paġna 1.
([2]) PCI Fibres — Technical Fibres Report, Settembru 2014, paġna 8.

## D. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TA' ĦSARA

### 1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(62) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-prodott simili kien immanifatturat minn sitt produtturi tal-Unjoni li jikkostitwixxu "l-industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. L-ebda wieħed minnhom ma oppona l-bidu ta' dan ir-rieżami.

### 2. Konsum tal-Unjoni

(63) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-istatistika disponibbli dwar l-importazzjoni, il-bejgħ reali tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw fis-suq tal-Unjoni u l-bejgħ stmat tal-produtturi tal-Unjoni li ma kkooperawx. Id-definizzjoni tal-konsum tirreferi għall-bejgħ f'suq ħieles, inkluż il-bejgħ lil partijiet relatati iżda mingħajr l-użu ristrett. L-użu ristrett, jiġifieri t-trasferimenti interni tal-prodott simili fost il-produtturi integrati tal-Unjoni għal aktar ipproċessar, ma ġiex inkluż fiċ-ċifra tal-konsum tal-Unjoni, għax dawn it-trasferimenti interni mhumiex f'kompetizzjoni mal-bejgħ minn fornituri indipendenti fis-suq ħieles. Il-bejgħ lil kumpaniji relatati ġie inkluż fiċ-ċifra tal-konsum tal-Unjoni billi skont id-dejta miġbura matul l-investigazzjoni, dawk il-kumpaniji relatati kienu ħielsa li jixtru l-prodott ikkonċernat ukoll minn sorsi oħra. Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni għal partijiet relatati nstabu li huma konformi mal-prezzijiet medji tal-bejgħ lil partijiet mhumiex relatati.

(64) Abbażi ta' dan, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 2*

**Konsum tal-Unjoni**

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum (f'tunnellati) | 196 478 | 209 076 | 222 306 | 217 171 |
| *Indiċi* | *100* | *106* | *113* | *111* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju u l-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6).

(65) Il-konsum tal-Unjoni żdied bi 11 % minn 196 478 tunnellata fl-2012 għal 217 171 tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-konsum matul ħafna mill-perjodu kkunsidrat kien ogħla mill-konsum ta' 205 912-il tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali (minn Lulju 2008 sa Ġunju 2009).

(66) Parti interessata ddikjarat li s-servizzi tal-Kummissjoni kellhom jinkludu bejgħ ristrett għad-determinazzjoni tal-konsum u li billi jagħmlu dan is-sehem mis-suq Ċiniż kien ikun stabbli. Issuġġeriet li s-servizzi tal-Kummissjoni ddistingwew ħażin bejn it-tliet swieq, jiġifieri l-bejgħ lill-kumpaniji mhux relatati, il-bejgħ lill-kumpaniji relatati intiżi għal bejgħ fis-suq ħieles u l-bejgħ lill-kumpaniji relatati intiżi għal użu ristrett, filwaqt li allegatament dan il-bejgħ kollu kellu jiġi inkluż fid-determinazzjoni tal-konsum tal-Unjoni.

(67) L-ewwel nett, ta' min jenfasizza li ma saret l-ebda distinzjoni bejn it-tliet swieq differenti. L-użu ristrett mill-kumpaniji relatati ġie eskluż minħabba li dawn il-prodotti ma jitpoġġewx f'ċirkolazzjoni libera fis-suq tal-UE u għaldaqstant ma jikkompetux mal-importazzjonijiet. Dan il-bejgħ jikkonsisti biss fi trasferiment ta' prodotti lejn l-entitajiet relatati għall-inkorporazzjoni tagħhom fil-proċess tal-produzzjoni ta' prodotti oħrajn, mhux investigati. Għaldaqstant, dan l-użu ristrett ma jistax jitqies bħala parti mill-konsum tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat.

(68) It-tieni nett, f'kull każ, iż-żieda ipotetika tal-bejgħ ristrett fil-konsum tal-Unjoni ma jagħmilx l-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq Ċiniż stabbli. Anzi, it-tendenza tibqa' l-istess fil-parti l-kbira tagħha kif jidher hawn taħt fit-Tabella 3.

3. **Importazzjonijiet soġġetti għal miżuri mill-pajjiż ikkonċernat**

(a) *Volum u sehem mis-suq*

(69) Ta' min ifakkar li fl-investigazzjoni oriġinali, il-volumi ta' importazzjonijiet li nstab li ma kinux oġġett ta' dumping kienu esklużi mill-analiżi tal-iżvilupp tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fis-suq tal-Unjoni u tal-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni.

(70) Il-volum u s-sehem mis-suq ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina ġew stabbiliti abbażi tal-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6) u ġew żviluppati kif ġej:

*Tabella 3*

**Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet soġġetti għal miżuri**

| Pajjiż | | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Iċ-Ċina | Il-volum (f'tunnellati) | 44 484 | 48 339 | 60 078 | 57 465 |
| | *Indiċi* | *100* | *109* | *135* | *129* |
| | Sehem mis-suq (%) | 22,6 | 23,1 | 27 | 26,5 |
| | Sehem mis-suq fir-rigward tal-konsum flimkien mal-użu ris-trett flimkien mal-użu ristrett (%) | 21,3 | 21,8 | 25,5 | 24,9 |

*Sors:* Bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6).

(71) Filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping kienu jgħoddu għal sehem mis-suq ta' 18,8 % u għal 38 404 tunnellati matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali, dawn żdiedu b'mod konsiderevoli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni f'dan ir-rieżami. L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping żdiedu minn 44 484 għal 57 465 tunnellata tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u ammontaw għal 26,5 % tas-sehem mis-suq matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(b) *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet soġġetti għal miżuri mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(72) Il-prezzijiet tal-importazzjoni ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6) u, bħala medja, naqsu bi 12 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

*Tabella 4*

**Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet soġġetti għal miżuri**

| Pajjiż | | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Iċ-Ċina | Prezz medju (EUR/kg) | 1,79 | 1,63 | 1,54 | 1,57 |
| | *Indiċi* | *100* | *91* | *86* | *88* |

*Sors:* Bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6).

(73) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi u, għalhekk, in-nuqqas ta' dejta dwar il-prezz tal-esportazzjoni relatat mat-tip ta' prodott, il-Kummissjoni ma setgħetx tagħmel tqabbil iddettaljat tal-prezzijiet skont it-tip ta' prodott. Għal dawn ir-raġunijiet, il-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz saru fuq il-bażi ta' tqabbil bejn il-prezzijiet medji tal-esportazzjonijiet Ċiniżi soġġetti għall-miżuri u l-prezzijiet medji tal-Industrija tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Wara l-aġġustar għar-rata tad-dazju doganali konvenzjonali ta' 4 %, ġie stabbilit marġni tat-twaqqigħ tal-prezz ta' 22,7 %. L-investigazzjoni oriġinali sabet marġni ta' twaqqigħ tal-prezz simili ta' 24,1 %. Madankollu, dan il-marġni kien ibbażat fuq tqabbil tat-tip ta' prodott komparabbli, peress li l-esportaturi Ċiniżi kienu kkooperaw f'dak il-każ.

(74) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm imġiba konsistenti min-naħa tal-esportaturi tar-RPĊ fit-twaqqigħ tal-prezz tal-prezzijiet tal-produtturi tal-UE.

(75) Parti interessata ddikjarat li l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping kellhom jiġu inklużi fil-kalkolu tat-twaqqigħ fil-prezz.

(76) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li din l-inklużjoni mhijiex iċċertifikata, abbażi tal-applikazzjoni tal-interpretazzjoni tal-Ftehim Antidumping ipprovdut mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO fil-każ *Beef and rice* ([1]), kif diġà ssemma aktar 'il fuq fil-premessa 35.

## 4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(77) B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat l-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni fuq il-bażi tal-evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi rilevanti kollha għal evalwazzjoni tal-istat tal-industrija tal-Unjoni mill-2012 sal-aħħar tal-PIR.

(78) Biex għamlet dan, il-Kummissjoni ddistingwiet bejn l-indikaturi tal-ħsara makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. L-indikaturi makroekonomiċi għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni ġew stabbiliti, analizzati u eżaminati fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni. L-indikaturi mikroekonomiċi ġew stabbiliti fuq il-bażi tad-dejta miġbura u vverifikata fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw. Minħabba problemi ta' rikonċiljazzjoni rigward id-dejta ta' sussidjarja minnhom tal-grupp DuraFiber wara r-riorganizzazzjoni tagħha (DuraFiber Technologies (DFT) GmbH, il-Ġermanja), id-dejta ppreżentata u t-tweġiba għall-kwestjonarju tagħha ġew esklużi mid-determinazzjoni tal-indikaturi mikroekonomiċi.

(79) Parti interessata ddikjarat li l-esklużjoni ta' DuraFiber Germany possibbilment biddlet l-indikaturi tal-ħsara b'mod fundamentali.

(80) L-ewwel nett ta' min jinnota li l-esklużjoni tad-dejta parzjalment verifikata minn DuraFiber Germany affettwat biss it-twaqqif tal-indikaturi mikroekonomiċi. Għaldaqstant, l-analiżi tal-indikaturi makroekonomiċi mhijiex affettwata. Barra minn hekk, dawn il-mikroindikaturi kienu bbażati fuq id-dejta tal-erba' (4) produtturi tal-Unjoni li jifdal li jirrappreżentaw madwar 80 % tal-produzzjoni tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-indikaturi speċifiċi baqgħu rappreżentattivi għall-industrija tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, id-dejta parzjalment verifikata pprovduta minn DuraFiber Germany ġeneralment segwiet it-tendenza tal-indikaturi mikroekonomiċi tal-erba' produtturi tal-Unjoni li d-dejta tagħhom ġiet meqjusa.

(81) Fid-dawl taż-żewġ kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-esklużjoni ta' DuraFiber Germany mill-analiżi tal-mikroindikaturi ma biddlitx it-tendenzi tal-indikaturi tal-ħsara u l-konklużjonijiet korrespondenti huma għaldaqstant rappreżentattivi tal-industrija ġenerali.

(82) Fit-taqsimiet li ġejjin, l-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, stokks, il-volum tal-bejgħ, sehem mis-suq u t-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs reali tal-marġini ta' dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti. L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost tal-produzzjoni, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment, il-possibbiltà li jiżdied il-kapital u l-kostijiet tal-manodopera.

***Indikaturi makroekonomiċi***

(a) *Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità*

(83) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 5*

**Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità**

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati) | 92 753 | 91 985 | 93 990 | 92 461 |

([1]) Ara r-Rapport tal-Korp tal-Appell Mexico — Definitive Anti-Dumping Measures on Beef and Rice: Complaint with Respect to Rice (WT/DS295/AB/R), adottat fl-20 ta' Diċembru 2005.

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (*Indiċi*) | *100* | *99* | *101* | *100* |
| Kapaċità ta' produzzjoni (tunnellati) | 109 398 | 108 869 | 108 690 | 110 285 |
| Kapaċità ta' produzzjoni (*Indiċi*) | *100* | *100* | *99* | *101* |
| Użu tal-kapaċità (%) | 85 | 84 | 86 | 84 |

*Sors:* tweġibiet għall-kwestjonarju.

(84) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità baqgħu stabbli.

(b) *Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq*

(85) Il-volumi tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

*Tabella 6*

**Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq**

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-bejgħ fl-Unjoni (tunnellati) | 67 527 | 69 407 | 68 007 | 65 733 |
| Volum tal-bejgħ fl-Unjoni (*Indiċi*) | *100* | *103* | *101* | *97* |
| Sehem mis-suq (%) | 34,4 | 33,2 | 30,6 | 30,3 |

*Sors:* Bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6) u tweġibiet għall-kwestjonarju.

(86) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas bi -3 % u s-sehem mis-suq rispettiv tagħha naqas b'4,1 punti perċentwali, minn 34,4 % għal 30,3 % tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(c) *It-tkabbir*

(87) Filwaqt li l-konsum tal-Unjoni żdied bi 11 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b' – 3 %.

(d) *Impjiegi u produttività*

(88) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kif ġej:

*Tabella 7*

**Impjiegi u produttività**

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' impjegati | 941 | 875 | 902 | 911 |
| Numru ta' impjegati (*Indiċi*) | *100* | *93* | *96* | *97* |

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Produttività (unità/impjegat) | 98,6 | 105,2 | 104,2 | 101,5 |
| Produttività (unità/impjegat) (*Indiċi*) | *100* | *107* | *106* | *103* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(89) L-impjiegi naqsu bi – 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fl-istess ħin, il-produttività żdiedet bi 3 % kif jidher fit-Tabella 7 fil-premessa 88.

(e) *Il-kobor tal-marġini tad-dumping u l-irkupru mid-dumping passat*

(90) Il-marġni tad-dumping stabbilit għaċ-Ċina fl-investigazzjoni oriġinali kien ferm ogħla mil-limitu *de minimis*. L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-importazzjonijiet ta' ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri miċ-Ċina komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping. Il-marġni ta' dumping stabbilit matul dan il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ukoll ħafna ogħla mil-livell *de minimis*, ara l-premessa 38. Dan ikkoinċida ma' żieda fil-volumi ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina bi prezzijiet dejjem anqas, li rriżultaw fi gwadann tas-sehem mis-suq matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Konsegwentement, l-industrija tal-Unjoni tilfet is-sehem mis-suq kif ukoll il-volum ta' bejgħ matul l-istess perjodu. Madankollu, irnexxielha tnaqqas it-telf tagħha.

***Indikaturi mikroekonomiċi***

(f) *Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet*

(91) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 8*

**Il-prezzijiet medji tal-bejgħ**

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/kg) | 2,39 | 2,31 | 2,23 | 2,17 |
| Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (*Indiċi*) | *100* | *97* | *93* | *91* |
| Kost ta' produzzjoni għal kull unità (EUR/kg) | 2,50 | 2,43 | 2,26 | 2,19 |
| Kost ta' produzzjoni għal kull unità (*Indiċi*) | *100* | *97* | *90* | *87* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(92) Il-prezz tal-bejgħ għal kull unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni naqas b'9 %. Dan huwa spjegat f'parti minnu mit-tnaqqis bi 13 % tal-kost ta' produzzjoni għal kull unità. Madankollu, il-prezzijiet naqsu inqas mill-ispejjeż, u dan jispjega l-impatt pożittiv fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kif jidher hawn taħt fil-premessa 98.

(g) *Kostijiet lavorattivi*

(93) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 9*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) | 39 273 | 41 674 | 39 711 | 39 850 |
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (*Indiċi*) | *100* | *106* | *101* | *101* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(94) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat baqgħu stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan jista' jiġi spjegat prinċipalment biż-żieda fl-isforzi tal-industrija tal-Unjoni biex tikkontrolla l-kost tal-produzzjoni u b'hekk iżżomm il-kompetittività tagħha.

(h) *Inventarji*

(95) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 10*

**Inventarji**

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati) | 8 050 | 6 872 | 8 244 | 8 387 |
| Stokkijiet tal-għeluq (*Indiċi*) | *100* | *85* | *102* | *104* |
| L-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%) | 8,7 | 7,5 | 8,8 | 9,1 |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(96) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-istokkijiet tal-industrija tal-Unjoni kumplessivament żdiedu b'4 %. Sehem sinifikanti mill-produzzjoni tal-ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri jikkonsisti fi prodotti standard. Għalhekk l-industrija tal-Unjoni trid iżżomm ċertu livell ta' stokk sabiex tkun f'pożizzjoni biex tissodisfa malajr id-domanda tal-konsumaturi tagħha. L-istokk tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni baqgħet relattivament stabbli, wara l-evoluzzjoni tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(i) *Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital*

(97) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kif ġej:

*Tabella 11*

**Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redittu fuq l-investimenti**

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | − 4,7 | − 5,3 | − 1,4 | − 1,1 |

| | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Fluss tal-flus (EUR) | – 2 993 463 | – 4 156 375 | – 4 895 147 | – 2 111 763 |
| *Il-fluss tal-flus Indiċi* | *– 100* | *– 139* | *– 164* | *– 71* |
| Investimenti (EUR) | 2 313 235 | 1 284 905 | 3 511 528 | 12 801 375 |
| Investimenti *Indiċi* | *100* | *56* | *152* | *553* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | – 4,3 | – 4,2 | – 2,0 | – 1,4 |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(98) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat tagħha. Il-profittabbiltà kienet għadha negattiva, għad li tjiebet minn – 4,7 % għal – 1,1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Madankollu din xorta hija anqas mill-profitt fil-mira ta' 3 % stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

(99) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja waħedha l-attività tagħha u li dan kien negattiv matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għad li l-indikatur irreġistra titjib sinifikanti ta' 29 %, dan għadu negattiv. Dan iqajjem tħassib dwar il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tkompli għaddejja bl-iffinanzjar proprju neċessarju tal-attivitajiet tagħha.

(100) L-investimenti żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu, primarjament sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' manutenzjoni, b'parti żgħira li tikkorrispondi għal modernizzazzjoni, u dan ħalla impatt żgħir fuq l-espansjoni tal-kapaċità.

(101) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt nett f'perċentwal tal-valur kontabilistiku gross tal-investimenti. Dan l-indikatur żdied minn – 4,3 % għal – 1,4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni bħala riżultat tal-profittabbiltà dejjem akbar u tal-istaġnar fl-investimenti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(102) B'kunsiderazzjoni tal-profittabbiltà negattiva u tal-fluss tal-flus negattiv, il-ħila tal-kumpanija li tiġġenera kapital baqgħet limitata ħafna.

(j) *Konklużjoni dwar id-dannu*

(103) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ħafna mill-indikaturi tad-dannu importanti tal-industrija tal-Unjoni wrew xejra negattiva. Is-sehem mis-suq tagħha naqas b'4,1 punti perċentwali minn 34,4 % għal 30,3 %, il-volum tal-bejgħ u l-prezz tal-bejgħ għal kull unità fl-UE naqas bi 3 % u b'9 %, rispettivament. Fl-istess ħin, l-impjiegi naqsu bi 3 %, il-volum tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet lejn kumpaniji mhux relatati naqas bi 28 %, u l-prezzijiet tal-bejgħ mill-esportazzjonijiet għal kull unità naqsu bi 17 %. Il-produttività żdiedet bi 2,9 %.

(104) Minkejja t-tendenzi ta' hawn fuq, il-profittabbiltà tjiebet minn – 4,7 % għal – 1,1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għad li dan huwa titjib konsiderevoli meta mqabbel mal-profittabbiltà tal-Industrija tal-Unjoni matul il-PI tal-investigazzjoni orġinali (mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009) li kienet ta' – 13,3 %, il-profittabbiltà għadha negattiva. Is-sitwazzjoni ta' telf tal-Industrija tal-Unjoni rriżultat f'redditu fuq l-investiment negattiv kontinwu. Minkejja dan, il-fluss tal-flus tjieb.

(105) L-investigazzjoni oriġinali kkonkludiet li s-sehem mis-suq ta' 18,8 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi li nstabu li kienu oġġett ta' dumping u li waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'24,1 % kien biżżejjed sabiex jikkaġuna dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni. Instabet sitwazzjoni komparabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi rrappreżentaw 26,5 % tas-sehem mis-suq u waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni bi 18,6 % kif spjegat hawn taħt fil-premessa 110.

(106) Parti interessata ddikjarat li l-industrija tal-Unjoni ma ġġarrabx ħsara materjali, billi l-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità jibqgħu stabbli. L-evoluzzjoni ta' indikaturi oħrajn bħall-volumi tal-bejgħ u s-sehem mis-suq jitqiesu affettwati ħażin bid-definizzjoni żbaljata ta' konsum kif allegat fil-premessa 66.

(107) L-allegazzjoni ta' kalkolu ħażin tal-konsum ġiet miċħuda fil-premessa 67. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, lanqas ma jistgħu, wieħed jew iktar mill-fatturi ta' ħsara relevanti, neċessarjament jagħtu gwida deċiżiva. Għaldaqstant, il-fatt li xi fatturi baqgħu stabbli ma jbiddilx il-konklużjonijiet dwar il-ħsara.

(108) Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni għadha qiegħda ssofri dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## 5. **Il-kawżalità**

(109) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq ta' dannu materjali, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina kkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fl-istess ħin kienx hemm fatturi magħrufin oħrajn li setgħu kienu ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

### 5.1. *Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping*

(110) L-Industrija tal-Unjoni għadha f'sitwazzjoni ta' rkupru parzjali fraġli u huwa meqjus li, minkejja l-miżuri fis-seħħ, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina komplew jikkawżaw dannu materjali. Meta jitqies l-effett ikkombinat tal-ispejjeż wara l-importazzjoni ta 2,7 % kif ivverifikat fil-livell ta' importaturi mhux relatati li jikkooperaw, ir-rata tad-dazji doganali ta'4 % u d-dazji antidumping imħallsa matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi xorta nstabu li jwaqqgħu il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'mod sinifikanti bi 18,6 %. Dawn l-importazzjonijiet komplew jiżdiedu fl-aħħar snin ukoll, u dan ħalla impatt negattiv fuq is-suq ġenerali billi baxxa l-prezzijiet u kkontribwixxa għat-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Il-pressjoni ssoktata eżerċitata fuq is-suq tal-Unjoni ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni sabiex tibbenefika bis-sħiħ mit-tnaqqis fil-kostijiet tal-materja prima.

(111) Parti interessata ddikjarat in-nuqqas ta' korrelazzjoni bejn il-prezzijiet Ċiniżi u l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

(112) Madankollu, din l-analiżi kienet ibbażata fuq tendenzi għall-perjodu mill-2011 sal-2015 li huma differenti mill-perjodu kkunsidrat fl-investigazzjoni attwali, li hu mill-2012 sal-PIR (li ntemm f'Settembru 2015). Għaldaqstant, din l-analiżi ma tistax titqies. F'kull każ, ta' min jinnota li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi ġeneralment naqsu matul il-perjodu kkunsidrat u waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Il-fatt li għal ċerti snin (il-PIR) il-prezz tal-esportazzjonijiet Ċiniżi żdied u s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma ddeterjoratx ma jpoġġix f'dubju l-validità ta' dik l-osservazzjoni. Għaldaqstant, l-istqarrija ġiet miċħuda.

### 5.2. *Effetti ta' fatturi oħrajn*

(113) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni, is-sehem ta' produzzjoni maħsuba għall-użu intern ma nstabx li huwa sinifikanti. Madwar 15 % biss mill-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tintuża internament. Ġeneralment, volum ogħla ta' produzzjoni jwassal għal ekonomiji ta' skala li huma ta' benefiċċju għall-produttur ikkonċernat. Parti żgħira biss mill-industrija tal-Unjoni hija integrata vertikalment u l-produzzjoni maħsuba għall-użu intern tintuża għal ipproċessar ulterjuri fi prodotti ta' valur miżjud fl-industrija downstream. L-investigazzjoni ma wriet ebda problema fil-produzzjoni li hija relatata ma' dawn il-prodotti downstream. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-produzzjoni maħsuba għall-użu intern tal-industrija tal-Unjoni ma kellhom l-ebda impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

(114) Pajjiżi esportaturi ewlenin għall-Unjoni huma r-Repubblika tal-Korea, it-Tajwan, l-Iżvizzera, il-Belarussja u t-Turkija. L-importazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat minn pajjiżi terzi inklużi importazzjonijiet mhux soġġetti għal miżuri miċ-Ċina żdiedu bi 11 % (minn 84 467 għal 93 973 tunnellata) waqt il-perjodu kkunsidrat u jirrappreżentaw 43,3 % tal-konsum tal-Unjoni. Matul l-istess perjodu, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni għal

kull unità kienu qed jonqsu b'mod konsistenti minn EUR 2,19 għal EUR 2,09 għal kull kg, tnaqqis ta' 4 %. Instabet ukoll tendenza ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjoni f'ħafna mill-esportaturi ta' pajjiżi terzi oħrajn għas-suq tal-Unjoni (il-Korea – 7 %, l-Iżvizzera – 15 %, il-Belarussja – 13 %, it-Turkija – 6 %). Fl-istess ħin, il-prezzijiet tal-importazzjoni għal kull unità mhux soġġetti għall-miżuri mir-RPĊ naqsu bi 3 % biss.

*Tabella 12*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

| Pajjiż | | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Iċ-Ċina (importazzjonijiet mhux soġġetti għal miżuri) | Volumi (tunnellati) | 29 109 | 33 865 | 36 977 | 39 742 |
| | *Indiċi* | *100* | *116* | *127* | *137* |
| | Sehem mis-suq (%) | 14,8 | 16,2 | 16,6 | 18,3 |
| | Prezz medju (EUR/kg) | 1,75 | 1,72 | 1,69 | 1,69 |
| | *Indiċi* | *100* | *99* | *97* | *97* |
| Ir-Repubblika tal-Korea | Volumi (tunnellati) | 27 948 | 31 145 | 33 048 | 32 545 |
| | *Indiċi* | *100* | *111* | *118* | *116* |
| | Sehem mis-suq | 14,2 | 14,9 | 14,9 | 15,0 |
| | Prezz medju (EUR/kg) | 2,15 | 2,13 | 2,03 | 2,01 |
| | *Indiċi* | *100* | *99* | *95* | *93* |
| It-Tajwan | Volumi (tunnellati) | 10 153 | 9 599 | 9 251 | 8 364 |
| | *Indiċi* | *100* | *95* | *91* | *82* |
| | Sehem mis-suq (%) | 5,2 | 4,6 | 4,2 | 3,9 |
| | Prezz medju (EUR/kg) | 1,78 | 1,91 | 1,85 | 1,90 |
| | *Indiċi* | *100* | *107* | *104* | *107* |
| L-Iżvizzera | Volumi (tunnellati) | 5 610 | 5 263 | 4 895 | 5 190 |
| | *Indiċi* | *100* | *94* | *87* | *93* |
| | Sehem mis-suq (%) | 2,9 | 2,5 | 2,2 | 2,4 |
| | Prezz medju (EUR/kg) | 4,30 | 4,09 | 4,01 | 3,66 |
| | *Indiċi* | *100* | *95* | *93* | *85* |
| Il-Belarussja | Volumi (tunnellati) | 3 384 | 3 189 | 3 344 | 2 374 |
| | *Indiċi* | *100* | *94* | *99* | *70* |
| | Sehem mis-suq (%) | 1,7 | 1,5 | 1,5 | 1,1 |
| | Prezz medju (EUR/kg) | 2,13 | 2,06 | 1,99 | 1,86 |
| | *Indiċi* | *100* | *97* | *93* | *87* |

| Pajjiż | | 2012 | 2013 | 2014 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| It-Turkija | Volumi (tunnellati) | 1 443 | 1 545 | 1 455 | 1 594 |
| | *Indiċi* | *100* | *107* | *101* | *110* |
| | Sehem mis-suq (%) | 0,7 | 0,7 | 0,7 | 0,7 |
| | Prezz medju (EUR/kg) | 2,95 | 2,66 | 2,65 | 2,77 |
| | *Indiċi* | *100* | *90* | *90* | *94* |
| Pajjiżi terzi totali inklużi importazzjonijiet mhux soġġetti għal miżuri miċ-Ċina | Volumi (tunnellati) | 84 467 | 91 330 | 94 222 | 93 973 |
| | *Indiċi* | *100* | *108* | *112* | *111* |
| | Sehem mis-suq (%) | 43,0 | 43,7 | 42,4 | 43,3 |
| | Prezz medju (EUR/kg) | 2,19 | 2,15 | 2,10 | 2,09 |
| | *Indiċi* | *100* | *98* | *96* | *96* |

*Sors:* Bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6).

(115) Kif jidher fit-Tabella 12, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina mhux soġġetti għal miżuri ma kinux sinifikanti tant li jistgħu jitqiesu li huma l-kawża tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(116) Il-Kummissjoni rċiviet kummenti fir-rigward tar-raġunijiet għas-sitwazzjoni negattiva attwali tal-industrija tal-Unjoni bħall-evoluzzjoni fil-prezzijiet tal-materja prima, nuqqas ta' investimenti u ta' modernizzazzjoni, ġestjoni ħażina u nuqqas ta' viżjoni, metodi ta' produzzjoni skaduti, nuqqas ta' impjanti fuq skala kbira u kwalità baxxa tal-prodotti mmanifatturati. L-investigazzjoni wriet li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tiġi attribwita għal dawn ir-raġunijiet. Minflok, sabet li l-industrija tal-Unjoni kompliet topera b'mod effettiv f'suq kompetittiv ħafna, ottimizzat l-użu tal-assi eżistenti, bla ma investiet wisq fl-espansjoni tal-kapaċità u fl-immodernizzar, sabiex b'hekk irnexxielha żżid il-profittabbiltà tagħha wara l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi fl-2010. Għalhekk, dawn id-dikjarazzjonijiet ġew miċħudin.

(117) Parti interessata tenniet li l-investimenti allegatament sinifikanti tal-industrija tal-Unjoni affettwaw il-fluss tal-flus u l-profitt tal-industrija tal-Unjoni u li dan l-effett ma kellux jiġi attribwit lill-importazzjonijiet Ċiniżi u li dawn il-fatturi kellhom jiġu inkorporati f'analiżi separata ta' nonattribuzzjoni.

(118) L-ewwel nett, minkejja l-investimenti li saru matul il-PIR, il-profitt u l-fluss tal-flus tal-industrija tal-Unjoni tjieb, u dan jenfasizza li dawn l-investimenti kienu ċċertifikati u kellhom effett pożittiv. It-tieni nett, il-profitt jista' jiġi influwenzat biss mid-deprezzamenti *pro rata temporis* relatati mal-investimenti u l-ispejjeż finanzjarji mġarrbin mill-kumpaniji filwaqt li jiffinanzjaw l-investimenti. Fl-aħħar nett, billi d-deprezzamenti huma spejjeż deduċibbli li mhumiex akkumpanjati minn ħruġ ta' flus, il-fluss tal-flus tal-industrija tal-Unjoni ma jistax jiġi affettwat direttament minnhom, l-ispejjeż finanzjarji biss ikollhom effett.

(119) Xi partijiet iddikjaraw ukoll li kien hemm jew nuqqas ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jew li d-dannu kien ikkawżat minn pajjiżi oħrajn. Peress li nstab li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina baqgħu jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u kienu anqas mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi l-oħrajn, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(120) Parti interessata saħqet li l-Kummissjoni kellha tispjega aħjar l-impatt ta' fatturi oħrajn ta' kawżalità fl-hekk imsejħa analiżi ta' nonattribuzzjoni tagħha.

(121) F'dan ir-rigward, ta' min jenfasizza li l-iskop tal-analiżi ta' nonattribuzzjoni huwa li jiġi stabbilit jekk ir-rabta ta' kawżalità osservata bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u l-ħsara materjali tal-industrija tal-Unjoni setgħu nkisru b'fattur ieħor, u dan jagħmel il-kawżalità improbabbli jew anki impossibbli. L-ebda wieħed mill-fatturi meqjusa ma kellu din il-kwalità u għaldaqstant l-istqarrja ġiet miċħuda.

5.3. *Konklużjoni dwar il-kawżalità*

(122) Għad li fatturi oħrajn setgħu kkontribwixxew għad-dannu wkoll, dawn ma nstabux li kienu biżżejjed sabiex ikissru l-kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina u d-dannu tal-industrija tal-Unjoni.

## E. **IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAD-DANNU**

(123) Instab li l-esportaturi Ċiniżi kellhom kapaċità żejda eċċessiva matul il-perjodu meqjus kif indikat fil-premessa 50 meta mqabbel mad-daqs tas-suq Ewropew.

(124) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn is-suq tal-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti b'29 %. Kif imsemmi fil-premessa 54, iċ-Ċina esportat il-prodott ikkonċernat lejn is-suq tal-Unjoni prinċipalment bi prezzijiet ogħla mill-bqija tad-dinja. L-investigazzjoni ma sabet ebda evidenza li din is-sitwazzjoni se tinbidel, tal-inqas fit-terminu qasir. Għaldaqstant, is-suq tal-Unjoni nstab li huwa kemxejn attraenti għall-esportaturi Ċiniżi minħabba l-opportunità li jiġu esportati kwantitajiet sinifikanti bi prezzijiet ogħla mill-bqija tad-dinja.

(125) L-investigazzjoni wriet li 60 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping u li kien hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina komplew iwaqqgħu l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni b'mod sinifikanti f'livelli simili għal dawk li nstabu fl-investigazzjoni inizjali. Speċifikament, instab li l-importazzjonijiet Ċiniżi soġġetti għal miżuri jwaqqgħu l-prezz bi 22,8 % li juri mġiba aggressiva fl-ipprezzar. Dan aktarx li jkompli jbaxxi l-prezzijiet u jxekkel l-irkupru fraġli tal-industrija tal-Unjoni. B'hekk, hemm riskju ċar li d-dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni se jkompli jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(126) Fid-dawl ta' dak li ntqal, huwa konkluż li t-tħassir tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina x'aktarx li jirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

## F. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(127) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antidumping eżistenti kontra ċ-Ċina tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

(128) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(129) Fuq din il-bażi l-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping u ta' dannu, eżistewx raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

### 1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(130) L-industrija tal-Unjoni tilfet b'mod konsistenti sehem mis-suq u ġarrbet ħsara materjali matul il-perjodu meqjus. Minkejja dan, tejbet il-profittabbiltà tagħha għal livell li huwa qrib il-punt ta' ekwilibriju (iżda xorta negattiv) filwaqt li l-bejgħ baqa' kważi fl-istess livell. Dan l-iżvilupp lejn l-istabbiltà fis-suq huwa ferm probabbli attribwibbli għall-miżuri fis-seħħ. Jekk il-miżuri jitħassru, l-industrija tal-Unjoni wisq probabbli tispiċċa f'qagħda saħansitra agħar.

(131) Għaldaqstant, ġie konkluż li ż-żamma fis-seħħ tal-miżuri kontra ċ-Ċina jkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

2. **L-interess tal-importaturi/tan-negozjanti**

(132) Ħmistax-il importatur mhux relatat imlew formoli tal-kampjunar fl-istadju tal-bidu, u għalhekk ġie deċiż li għandhom jiġu applikati provvedimenti fuq il-kampjunar. Intgħażlu tliet importaturi u dawn intalbu jimlew kwestjonarju. Finalment, importatur wieħed biss ippreżenta tweġiba għall-kwestjonarju li kienet ivverifikata.

(133) L-investigazzjoni sabet li l-kumpanija kienet timporta minn produttur Ċiniż wieħed soġġett għall-miżuri, li miegħu kellha relazzjoni kummerċjali fit-tul. L-investigazzjoni wriet li l-impatt tal-miżuri fis-seħħ fuq il-kumpanija ma kienx sinifikanti. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li l-importatur iddeċieda li ma jbiddilx is-sors tal-provvista minkejja l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali.

3. **L-interess tal-utenti**

(134) Ħamsa u għoxrin utent daħlu f'kuntatt fl-istadju tal-bidu u talbu li jimlew kwestjonarju. Finalment, ġew riċevuti tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand erba' utenti biss. Saru żjarat għandhom kollha u d-dejta li ppreżentaw ġiet ivverifikata. Madankollu, jidher ċar li kien hemm ferm anqas parteċipazzjoni mill-industrija tal-utenti f'dan ir-rieżami ta' skadenza milli kien hemm meta kienu imposti l-ewwel miżuri. Fl-investigazzjoni oriġinali 33 utent ikkooperaw mal-investigazzjoni filwaqt li erbgħa biss ħadu sehem fir-rieżami ta' skadenza. Jidher li l-maġġoranza tal-utenti kienet kapaċi taġġusta għall-impożizzjoni tal-miżuri b'detriment żgħir għall-operazzjonijiet tagħhom.

(135) Għal utent minnhom, li kien attiv fl-industrija tal-ħajt għall-ħjata, il-Kummissjoni sabet li l-impatt tal-miżuri attwali fuq il-kostijiet u fuq il-profittabbiltà tiegħu ma kienx sinifikanti. Għat-tliet utenti l-oħrajn, li lkoll jimportaw HTY miċ-Ċina u li kienu attivi fl-industrija tal-insiġ (ċinturini, ċineg, rada, eċċ.), instab li għad li l-impatt tal-miżuri attwali fuq il-kostijiet tagħhom kien żgħir, l-impatt fuq il-profittabbiltà kien inħass aktar, peress li dawn il-kumpaniji jwettqu n-negozju tagħhom b'marġini ta' profitt baxxi ħafna. Madankollu, jidher li l-impatt tad-dazji kien limitat billi kien hemm ħafna fornituri alternattivi disponibbli bi prezzijiet kompetittivi.

(136) L-utenti li għamlu sottomissjonijiet, ikkumentaw fuq problemi li esperjenzaw mal-produtturi tal-Unjoni, bħal nuqqas ta' kapaċità, nuqqas ta' ċerti kwalitajiet u twassil mhux fil-ħin. L-utenti ddikjaraw li l-miżuri eżistenti (0 %–9,8 %) flimkien mad-dazju tal-importazzjoni regolari ta' 4 % ibbenefikaw lill-kompetituri tagħhom sabiex jimportaw prodotti downstream fis-suq tal-UE bi prezzijiet orħos peress li l-kompetituri tagħhom ma għandhomx bżonn iħallsu dazji għall-materja prima tagħhom (il-prodott ikkonċernat). Jemmnu li din is-sitwazzjoni se twassal għal trasferiment ulterjuri tal-operazzjonijiet downstream lejn postijiet barra mill-UE u jpoġġu f'riskju l-futur tal-allegati 4 000 impjegat fl-industrija tagħhom. L-investigazzjoni sabet li l-evidenza li tappoġġa dawn id-dikjarazzjonijiet ma setgħetx issostni li dawn kienu problemi rikorrenti u strutturali fir-rigward tal-industrija tal-Unjoni.

(137) L-ewwel ta' min ifakkar li l-kooperazzjoni mill-utenti f'din l-investigazzjoni kienet kemxejn limitata meta mqabbla mal-kooperazzjoni fl-investigazzjoni oriġinali (33 utent ikkooperaw fiha), u għalhekk il-problemi ta' hawn fuq aktarx li mhumiex komuni għall-utenti kollha li joperaw fis-suq tal-Unjoni.

(138) Rigward id-dikjarazzjonijiet speċifiċi tal-utenti li kkooperaw, l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni għad għandha biżżejjed kapaċità mhux użata (l-użu tal-kapaċità matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kien ta' 84 %) u toffri firxa wiesgħa ta' prodotti u ta' kwalitajiet. Barra minn hekk, minbarra l-ħames produtturi fl-UE, hemm ħafna fornituri alternattivi minn pajjiżi terzi oħrajn bi prezzijiet kompetittivi u b'firxa wiesgħa ta' prodotti, inklużi importazzjonijiet Ċiniżi mhux soġġetti għad-dazji antidumping. Minħabba l-livell ta' dazju antidumping relattivament baxx u l-fatt li sehem kbir tal-importazzjonijiet miċ-Ċina mhuwiex soġġett għal miżuri, huwa aktar improbabbli li l-miżuri fis-seħħ se jkunu fattur determinanti għar-rilokazzjoni allegata tal-industriji downstream. Finalment, l-evidenza ta' konsenji mhux fil-ħin kienet negliġibbli.

(139) Fir-rigward tal-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, parti interessata ddikjarat li livell ta' użu tal-kapaċità ta' 84 % jirrappreżenta kważi l-kapaċità sħiħa u għaldaqstant ma kienx hemm biżżejjed kapaċità mhux użata disponibbli.

(140) L-investigazzjoni wriet li l-produzzjoni medja tal-iskart tal-industrija tal-Unjoni kienet madwar 6 % tal-produzzjoni totali matul il-PIR, li b'dak il-mod tikkorrispondi għal użu tal-kapaċità massima teoretika ta' 94 %, li hija stima aktar raġonevoli ta' użu tal-kapaċità sħiħa mill-84 % msemmija fit-talba. Abbażi tal-kapaċità żejda li jifdal ta' mill-inqas 10 %, it-talba ġiet miċħuda.

(141) L-istess parti interessata ddikjarat li l-produtturi tal-Unjoni u l-produtturi mhux Ċiniżi mhumiex kapaċi jissodisfaw id-domanda totali u d-daqs tal-ordnijiet uniċi tal-industrija tal-utenti Ewropej.

(142) Ta' min jinnota li t-tkomplija tal-miżuri ma tbiddilx il-kundizzjonijiet tas-suq sottostanti eżistenti. L-investigazzjoni ma kixfet l-ebda bidliet fundamentali fid-domandi tal-utenti rigward id-daqs jew il-kwalità tal-ordnijiet. Barra minn hekk, huwa fatt stabbilit li l-industrija tal-Unjoni ma tistax tissodisfa d-domanda tas-suq waħidha u li l-importazzjonijiet huma meħtieġa f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, u aktar importanti, l-objettiv tal-miżuri antidumping huwa li jerġgħu jintlaħqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust fost il-partijiet kollha kkonċernati billi titneħħa l-ħsara materjali kkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda ħtieġa li l-Industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tforni s-suq tal-Unjoni waħidha. F'dan il-każ, hemm importazzjonijiet minn ħafna sorsi differenti, u l-importazzjonijiet soġġetti għal miżuri komplew ukoll minkejja l-preżenza tal-miżuri. Għaldaqstant, it-tkomplija tal-miżuri fil-forma attwali tagħhom u fil-livell attwali tagħhom ma jwaqqfux lill-utenti milli jiksbu l-prodott Ċiniż. F'dan il-kuntest, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament antidumping ġew rispettati u b'konsegwenza ta' dan jenħtieġ li l-argument jiġi miċħud.

(143) Intqal ukoll li l-produtturi Ewropej ma sfruttawx id-dazji antidumping biex iżidu l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom jew biex jimmodernizzaw it-tagħmir tagħhom, u dan għamilhom inkapaċi li jżommu s-sehem tagħhom mis-suq f'suq li qed jikber u poġġihom f'pożizzjoni komda ħafna mingħajr ma ppruvaw ikunu kompetittivi.

(144) L-ewwel nett ta' min ifakkar, kif intqal hawn fuq, li l-objettiv tal-miżuri antidumping huwa li jitneħħa dumping dannuż, u ma hemm l-ebda rekwiżit legali li jinħtieġ li l-industrija tal-Unjoni tirristruttura jew timmodernizza.

(145) F'kull każ, kif diġà jidher fil-premessa 138 l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid il-bejgħ tagħha billi kien hemm biżżejjed kapaċità żejda disponibbli. Barra minn hekk, l-evoluzzjoni pożittiva tal-profittabbiltà turi li l-metodi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni xorta huma kompetittivi f'suq li huwa protett mill-prattiki tad-dumping. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni assolutament ma tistax titqies bħala komda ħafna, billi l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni kompliet issofri ħsara materjali matul il-perjodu kkunsidrat billi tilfet is-sehem mis-suq u għamlet telf. Hija eżattament is-sitwazzjoni fraġli tal-industrija tal-Unjoni kkawżata mill-inqas parzjalment minn prattiki passati ta' dumping u t-twaqqigħ kontinwu tal-prezzijiet tagħha li pprevenew l-industrija tal-Unjoni milli tinvesti ħafna f'espansjoni tal-kapaċità u modernizzazzjoni evidenti.

(146) Talba oħra tirrigwarda l-migrazzjoni ta' industriji downstream minħabba l-eżistenza tad-dazji antiduming. It-talba kienet appoġġata billi saret referenza għal sottomissjoni u seduta aktar bikrija li fiha saret l-istess allegazzjoni.

(147) Ta' min jinnota li l-investigazzjoni sabet li l-impatt fuq il-profittabbiltà tal-utenti kampjunati kien limitat u għaldaqstant ma jistax jitqies bħala d-determinant għall-migrazzjoni tal-industrija tal-utenti tal-Unjoni. Barra minn hekk, it-tkomplija tal-miżuri sseħħ fl-istess livell bħal qabel. Fl-aħħar nett, is-sottomissjoni li takkumpanja s-seduta ma telenka l-ebda kumpanija li effettivament emigrat.

(148) Importatur ippreżenta talba rigward id-diffikultà ekonomika marbuta mat-tibdil fil-fornituri tal-prodott ikkonċernat minħabba l-perjodu twil meħtieġ għall-fażi tal-ittestjar u r-riskju li jintilfu l-klijenti f'każ ta' kwalità instabbli u twassil irregolari.

(149) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li għadda perjodu ta' kważi sitt snin li matulu l-miżuri kienu fis-seħħ, u li dan jista' jitqies bħala żmien biżżejjed biex importatur isib fornituri alternattivi, anki fl-isfond tal-ittestjar li jieħu l-ħin.

4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(150) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, l-investigazzjoni kkonkludiet li l-impatt tal-miżuri fuq l-utenti u fuq l-importaturi mhuwiex sinifikanti u li, għalhekk, ma hemm ebda raġuni ovvja għat-terminazzjoni tal-miżuri fuq il-bażi tal-interess tal-Unjoni.

## G. MIŻURI ANTIDUMPING

(151) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jibqgħu fis-seħħ il-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perjodu biex jissottomettu kummenti wara dan l-iżvelar. Il-preżentazzjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta.

(152) B'hekk huwa ċar minn dan imsemmi hawn fuq li kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jinħtieġ li jinżammu l-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri li joriġinaw miċ-Ċina, imposti mir-Regolament (UE) Nru 1105/2010.

(153) Sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' evażjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati tad-dazju, huwa kkunsidrat li f'dan il-każ huma meħtieġa miżuri speċjali biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji antidumping. Dawn il-miżuri speċjali, li japplikaw għal kumpaniji li għalihom tkun introdotta rata individwali tad-dazju, jinkludu dan li ġej: il-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'tali fattura għandhom ikunu soġġetti għad-dazju antidumping residwu li japplika għall-produtturi l-oħra kollha.

(154) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju antidumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([1]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma jaffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, avviż dwar il-bidla tal-isem jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(155) Dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'dan huwa impost dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri (għajr ħjut tal-ħjata), mhux disponibbli għall-bejgħ għall-konsumatur, inkluż il-monofilament ta' anqas minn 67 deċiteks, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 5402 20 00.

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

| Il-kumpanija | Dazju (%) | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| Zhejiang Guxiandao Industrial Fibre Co. Ltd | 5,1 | A974 |
| Zhejiang Hailide New Material Co. Ltd | 0 | A976 |
| Zhejiang Unifull Industrial Fibre Co. Ltd | 5,5 | A975 |
| Il-kumpaniji elenkati fl-Anness | 5,3 | A977 |
| Hangzhou Huachun Chemical Fiber Co. Ltd | 0 | A989 |

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Rue de la Loi/Wetstraat 170, 1040 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

| Il-kumpanija | Dazju (%) | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| Oriental Industries (Suzhou) Ltd | 9,8 | A990 |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 9,8 | A999 |

3. L-applikazzjoni tar-rata individwali tad-dazju speċifikata għall-kumpanija msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fiha jidhru dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat minn ismu/isimha u l-kariga, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) ta' ħjut b'saħħithom ħafna (high tenacity) ta' poliesteri mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (Kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji kollha l-oħrajn".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

Produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw li mhux inklużi fil-kampjun (Kodiċi addizzjonali TARIC A977):

| Isem il-kumpanija | Belt |
|---|---|
| Heilongjiang Longdi Co. Ltd | Harbin |
| Jiangsu Hengli Chemical Fibre Co. Ltd | Wujiang |
| Hyosung Chemical Fiber (Jiaxing) Co. Ltd | Jiaxing |
| Shanghai Wenlong Chemical Fiber Co. Ltd | Shanghai |
| Shaoxing Haifu Chemistry Fibre Co. Ltd | Shaoxing |
| Sinopec Shanghai Petrochemical Co. Ltd | Shanghai |
| Wuxi Taiji Industry Co. Ltd | Wuxi |
| Zhejiang Kingsway High-Tech Fiber Co. Ltd | Haining City |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/326

## tal-24 ta' Frar 2017

## li jemenda għall-261 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da' esh) u tal-Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-22 ta' Frar 2017 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid erba' persuni fiżiċi mal-elenku tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet fir-rigward ta' min japplika t-twaqqif tal-fondi u riżorsi finanzjarji. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, huwa għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Aġent Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

(a) "Bassam Ahmad Al-Hasri (magħruf ukoll bħala: a) Bassam Ahmad Husari b) Abu Ahmad Akhlaq c) Abu Ahmad al-Shami). Data tat-twelid: a) 1.1.1969 b) bejn wieħed u ieħor fl-1971. Post tat-twelid: a) Qalamun, Provinċja ta' Damasku, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, b) Ghutah, Provinċja ta' Damasku, ir-Repubblika Għarbija Sirjana c) Tadamon, Rif Dimashq, ir-Repubblika Għarbija Sirjana. Nazzjonalità: a) Sirjana b) Palestinjana. Indirizz: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana (In-Nofsinhar. Il-post minn Lulju 2016). Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 22.2.2017."

(b) "Iyad Nazmi Salih Khalil (magħruf ukoll bħala: a) Ayyad Nazmi Salih Khalil b) Eyad Nazmi Saleh Khalil c) Iyad al-Toubasi d) Iyad al-Tubasi e) Abu al-Darda' f) Abu-Julaybib al-Urduni g) Abu-Julaybib). Data tat-twelid: 1974 Post tat-twelid: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana. Nazzjonalità: Ġordaniża. Numru tal-passaport: a) il-Ġordan 654781 (bejn wieħed u ieħor maħruġ fl-2009) b) il-Ġordan 286062 (maħruġ fil-5.4.1999 f'Żarqa, il-Ġordan, skada fl-4.4.2004). Indirizz: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana (Iż-żona kostali. Il-post minn April 2016). Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 22.2.2017."

(c) "Ghalib Adbullah al-Zaidi (magħruf ukoll bħala: a) Ghalib Abdallah al-Zaydi b) Ghalib Abdallah Ali al-Zaydi c) Ghalib al Zaydi). Data tat-twelid: a) 1975 b) 1970. Post tat-twelid: Ir-Reġjun ta' Raqqah, il-Governatorat ta' Marib, il-Jemen. Nazzjonalità: Jemenita. Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 22.2.2017."

(d) "Nayif Salih Salim Al-Qaysi (magħruf ukoll bħala: a) Naif Saleh Salem al Qaisi b) Nayif al-Ghaysi). Data tat-twelid: 1983. Post tat-twelid: Il-Governatorat ta' Al-Baydah, il-Jemen. Nazzjonalità: Jemenita. Numru tal-passaport: Jemen 04796738. Indirizz: a) Il-Governatorat Al-Baydah, il-Jemen; b) Sana'a, il-Jemen (post preċedenti). Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 22.2.2017."

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/327**

**tal-24 ta' Frar 2017**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | EG | 232,7 |
| | IL | 75,4 |
| | MA | 97,0 |
| | TR | 98,9 |
| | ZZ | 126,0 |
| 0707 00 05 | MA | 79,2 |
| | TR | 203,1 |
| | ZZ | 141,2 |
| 0709 91 00 | EG | 113,1 |
| | ZZ | 113,1 |
| 0709 93 10 | MA | 54,0 |
| | TR | 166,7 |
| | ZZ | 110,4 |
| 0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28 | EG | 43,1 |
| | IL | 76,8 |
| | MA | 48,2 |
| | TN | 56,4 |
| | TR | 75,0 |
| | ZA | 196,8 |
| | ZZ | 82,7 |
| 0805 21 10, 0805 21 90, 0805 29 00 | EG | 100,8 |
| | IL | 127,6 |
| | JM | 95,8 |
| | MA | 103,0 |
| | TR | 87,7 |
| | ZZ | 103,0 |
| 0805 22 00 | IL | 112,1 |
| | MA | 95,4 |
| | ZZ | 103,8 |
| 0805 50 10 | EG | 71,3 |
| | TR | 74,4 |
| | ZZ | 72,9 |
| 0808 30 90 | CL | 175,7 |
| | CN | 112,2 |
| | ZA | 125,1 |
| | ZZ | 137,7 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/328

**tal-21 ta' Frar 2017**

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank of Greece**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Diċembru 2016 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank of Greece (BĊE/2016/46) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom għandhom jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Bank of Greece ser jiskadi wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2016. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2017.

(3) Il-Bank of Greece għażel lil Deloitte Certified Public Accountants S.A. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2017 sa 2021.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Deloitte Certified Public Accountants S.A. jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Bank of Greece għas-snin finanzjarji 2017 sa 2021.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12. Deloitte Certified Public Accountants S.A. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Bank of Greece għas-snin finanzjarji 2017 sa 2021.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

([1]) ĠU C 3, 6.1.2017, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊE.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SCICLUNA

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/329

**tal-4 ta' Novembru 2016**

**dwar il-miżura SA.39235 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Ungerija dwar it-taxxa tad-dħul mir-reklamar**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 6929)*

**(It-test Ungeriż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

## 1. **PROĊEDURA**

(1) F'Lulju 2014, il-Kummissjoni saret taf li l-Ungerija kienet adottat att leġiżlattiv dwar il-bażi li fuqha jiġi intaxxat id-dħul mill-attivitajiet tar-reklamar (minn hawn 'il quddiem: "it-taxxa fuq ir-reklamar"). Permezz ta' ittra tat-13 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Ungeriżi, li wieġbu bl-ittra tat-2 ta' Ottubru 2014. Bl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2014, l-awtoritajiet Ungeriżi ġew mistoqsija sett ieħor ta' mistoqsijiet, li wieġbu billi ppreżentaw informazzjoni addizzjonali bl-ittra tas-16 ta' Diċembru 2014.

(2) Bl-ittra tat-2 ta' Frar 2015, l-awtoritajiet Ungeriżi ġew infurmati li l-Kummissjoni se tikkunsidra toħroġ deċiżjoni ta' inġunzjoni ta' sospensjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([2]). Bl-ittra tas-17 ta' Frar 2015, l-awtoritajiet Ungeriżi ressqu l-kummenti tagħhom dwar dik l-ittra.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni infurmat lill-Ungerija li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat (minn hawn 'il quddiem: "id-Deċiżjoni tal-Ftuħ") u toħroġ inġunzjoni ta' sospensjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 fir-rigward tal-miżura.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ u l-inġunzjoni ta' sospensjoni ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn tliet partijiet interessati. Hija bagħtithom lill-awtoritajiet Ungeriżi li ngħataw l-opportunità jirreaġixxu.

(6) Fil-21 ta' April 2015, l-awtoritajiet Ungeriżi bagħtu abbozz ta' proposta lill-Kummissjoni għal emenda tat-taxxa fuq ir-reklamar. Fit-8 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-Ungerija rigward l-emenda ppjanata.

([1]) ĠU C 136, 24.4.2015, p. 7.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1), imħassar u sostitwit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

(7) Fl-4 ta' Ġunju 2015, l-Ungerija emendat it-taxxa fuq ir-reklamar, mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni jew awtorizzazzjoni mingħandha. Fil-5 ta' Lulju 2015, l-emendi daħlu fis-seħħ.

(8) Bl-ittra tas-6 ta' Lulju 2015, l-Ungerija tat l-osservazzjonijiet tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ u dwar il-kummenti tal-partijiet interessati, kif ukoll kjarifiki dwar l-emenda tat-taxxa fuq ir-reklamar.

## 2. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAT-TAXXA FUQ IR-REKLAMAR**

### 2.1. *AMBITU TAT-TAXXA U L-BAŻI GĦAT-TAXXA*

(9) Fil-11 ta' Ġunju 2014, l-Ungerija adottat l-Att XXII tal-2014 dwar it-Taxxa fuq ir-Reklamar (minn hawn 'il quddiem: "l-Att"), b'emendi oħrajn fl-4 ta' Lulju u fit-18 ta' Novembru 2014. L-Att introduċa taxxa speċjali ġdida fuq id-dħul mill-pubblikazzjoni tar-reklami fl-Ungerija u barra minn hekk japplika wkoll għat-taxxi tan-negozju eżistenti, b'mod partikolari t-taxxa fuq l-introjtu. Skont l-Ungerija, l-iskop tal-Att huwa li jippromwovi l-prinċipju tal-kondiviżjoni tal-piż pubbliku.

(10) It-taxxa fuq ir-reklamar hija dovuta fuq id-dħul li jiġi mill-pubblikazzjoni tar-reklami fl-ispazji tal-midja speċifikati skont l-Att (eż. fis-servizzi tal-midja; fil-materjali tal-istampa; fuq midja tar-reklamar fuq barra; fuq kull vettura jew proprjetà immobbli; fil-materjal stampat; u fuq l-Internet). It-taxxa tapplika għall-impriżi kollha tal-midja u l-persuna taxxabbli fil-prinċipju hija l-pubblikatur tar-reklam. Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-taxxa huwa l-Ungerija.

(11) Il-bażi għat-taxxa li għaliha tiġi applikata t-taxxa hija d-dħul tal-pubblikatur li ġej mis-servizzi tar-reklamar ipprovduti minnu, mingħajr it-tnaqqis ta' ebda kost. Il-bażi għat-taxxa tal-kumpaniji affiljati hija aggregata. Għalhekk, ir-rata tat-taxxa applikabbli tiġi ddeterminata mid-dħul mir-reklamar li ġej mill-grupp sħiħ fl-Ungerija.

(12) Hemm bażi għat-taxxa speċjali għall-awtoreklamar, jiġifieri r-reklamar relatat mal-prodotti, l-oġġetti, is-servizzi, l-attivitajiet, l-isem u d-dehra proprja tal-pubblikatur. F'dan il-każ, il-bażi għat-taxxa li fuqha tiġi applikata t-taxxa hija l-kostijiet li jġarrab il-pubblikatur b'rabta mal-pubblikazzjoni tar-reklam.

### 2.2. *RATI TAT-TAXXA PROGRESSIVI*

(13) L-Att stabbilixxa struttura ta' rati progressivi b'rati li jvarjaw minn 0 % u 1 % għall-kumpaniji bi dħul mir-reklamar żgħir jew medju għal 50 % għal kumpaniji bi dħul mir-reklamar għoli kif ġej:

— Għall-parti tad-dħul taħt HUF 0,5 biljun: 0 %

— Għall-parti tad-dħul ta' bejn HUF 0,5 biljun u 5 biljun: 1 %

— Għall-parti tad-dħul ta' bejn HUF 5 biljun u 10 biljun: 10 %

— Għall-parti tad-dħul ta' bejn HUF 10 biljun u 15 biljun: 20 %

— Għall-parti tad-dħul ta' bejn HUF 15-il biljun u 20 biljun: 30 %

— Għall-parti tad-dħul 'il fuq minn HUF 20 biljun: 50 %

(14) Il-kategorija ta' fuq nett ittellgħet minn 40 % għal 50 % mill-1 ta' Jannar 2015 permezz tal-Att LXXIV tal-2014 dwar il-modifika ta' ċerta leġiżlazzjoni dwar it-taxxa u dik relatata u l-Att CXXII tal-2010 dwar l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa u d-Dwana, li emenda l-Att.

### 2.3. *TNAQQIS TAT-TELF RIPORTATI MILL-BAŻI GĦAT-TAXXA TAL-2014*

(15) Skont l-Att, il-kumpaniji jistgħu jnaqqsu mill-bażi għat-taxxa tal-2014 tagħhom 50 % tat-telf riportat mis-snin preċedenti skont il-liġi dwar it-taxxa korporattiva u fuq id-dividendi jew it-taxxa fuq l-introjtu personali.

(16) Emenda tal-4 ta' Lulju 2014 għal dan l-Att tillimita dan it-tnaqqis għal kumpaniji li ma għamlux profitt fl-2013 (jiġifieri jekk l-ammont tal-profitt qabel it-taxxa fis-sena kontabilistika tal-2013 huwa żero jew negattiv biss). Għalhekk, il-kumpaniji li rriportaw it-telf mis-snin preċedenti, iżda li kienu qed jagħmlu profitt fl-2013, mhumiex eliġibbli għat-tnaqqis. Skont l-Ungerija, l-objettiv tal-emenda huwa li jiġu evitati l-evitar tat-taxxa u ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligi tat-taxxa.

(17) Il-possibbiltà li jitnaqqas it-telf riportat tapplika biss għat-taxxa dovuta għall-2014. Din ma tapplikax għat-taxxa dovuta għall-2015 jew is-snin ta' wara.

### 2.4. *DETERMINAZZJONI TAL-OBBLIGAZZJONI U D-DIKJARAZZJONI TAT-TAXXA*

(18) Skont l-Att, il-kontribwent jiddetermina l-obbligazzjoni tat-taxxa tiegħu permezz ta' awtovalutazzjoni u jirritorna dikjarazzjoni lill-awtorità tat-taxxa sal-aħħar jum tal-ħames xahar wara s-sena tat-taxxa.

### 2.5. *ĦLAS TAT-TAXXA*

(19) L-Att jipprovdi li l-kontribwent għandu jiddetermina u jiddikjara l-obbligazzjoni tat-taxxa tiegħu, u jħallas it-taxxa sal-aħħar jum tal-ħames xahar wara s-sena tat-taxxa.

(20) Għall-2014, it-taxxa kienet dovuta pro-rata mid-dħul fis-seħħ tal-Att fit-18 ta' Lulju 2014 fuq il-bażi tad-dħul mir-reklamar tal-2014. Il-kontribwent kellu jiddetermina u jiddikjara taxxa bil-quddiem għall-2014 (skont id-dħul tiegħu mir-reklamar tal-2013) sal-20 ta' Awwissu 2014, u jħallasha f'żewġ ħlasijiet parzjali indaqs sal-20 ta' Awwissu 2014 u l-20 ta' Novembru 2014.

(21) Skont id-dejta proviżorja riċevuta mill-awtoritajiet Ungeriżi, mit-28 ta' Novembru 2014, inġabar l-ammont totali ta' HUF 2 640 100 000 [~ EUR 8 500 000] f'taxxi bil-quddiem għall-2014. Madwar 80 % tad-dħul mit-taxxa totali miġbur minn dawk it-taxxi bil-quddiem tħallas minn grupp wieħed ta' kumpaniji.

### 2.6. *L-EMENDI INTRODOTTI BL-ATT LXII TAL-2015 TAL- 4 TA' ĠUNJU 2015*

(22) Permezz tal-Att LXII tal-2015 tal-4 ta' Ġunju 2015, wara li ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-Ungerija emendat l-Att dwar it-Taxxa fuq ir-Reklamar billi ssostitwiet l-iskala progressiva ta' sitt rati tat-taxxa li jvarjaw minn 0 % sa 50 % b'sistema ta' rati doppji kif ġej:

— 0 % applikabbli fuq il-parti tad-dħul li ma taqbiżx il-HUF 100 miljun; u

— 5,3 % applikabbli fuq id-dħul li jaqbeż il-HUF 100 miljun.

(23) L-emenda tintroduċi applikazzjoni retroattiva fakultattiva li tmur lura sad-dħul fis-seħħ tal-Att fl-2014. Fi kliem ieħor, il-kontribwenti jistgħu jagħżlu, għall-passat, li jkunu soġġetti jew għas-sistema l-ġdida ta' rati doppji jew li jibqgħu soġġetti għall-iskala progressiva ta' sitt rati tat-taxxa ta' qabel.

(24) Id-dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis mill-bażi għat-taxxa tal-2014 tat-telf riportat, li huwa limitat għall-kumpaniji li fl-2013 ma għamlux profitt, jibqgħu l-istess.

## 3. **IL-PROĊEDURA TAL-INVESTIGAZZJONI FORMALI**

### 3.1. *RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI*

(25) Il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali għaliex qieset f'dak l-istadju li l-progressività tar-rati tat-taxxa u d-dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis tat-telf riportat mill-bażi għat-taxxa kif stabbilit fl-Att kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(26) Il-Kummissjoni qieset li r-rati tat-taxxa progressivi jiddifferenzjaw bejn impriżi bi dħul mir-reklamar għoli (li huma għalhekk impriżi ta' daqs ikbar) u impriżi bi dħul mir-reklamar baxx (li huma għalhekk impriżi ta' daqs iżgħar), u jagħtu vantaġġ selettiv lil dawn tal-aħħar fuq il-bażi tad-daqs tagħhom. Il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk il-kapaċità li jħallsu, li saret referenza għaliha mill-Ungerija, tistax isservi bħala l-prinċipju ta' gwida għat-taxxi fuq id-dħul. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset, fuq bażi preliminari, li l-karattru progressiv tar-rata tat-taxxa fuq ir-reklamar skont l-Att kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, minħabba li l-kriterji l-oħra kollha għal kwalifikazzjoni bħal din ukoll dehru ssodisfati.

(27) Il-Kummissjoni qieset ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-Att li jippermettu t-tnaqqis tat-telf tal-passat riportat skont il-liġi tat-taxxa korporattiva u dwar id-dividendi jew it-taxxa fuq l-introjtu personali mit-taxxa dovuta u, b'mod partikolari, il-limitazzjoni għall-impriżi li ma għamlux profitt fl-2013, jiddifferenzjaw bejn kumpaniji li, fid-dawl tat-taxxa bbażata fuq id-dħul, jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli. Hija qieset li d-dispożizzjonijiet jidhru li jagħtu vantaġġ selettiv lil impriżi li ma għamlux profitt fl-2013 meta mqabbla ma' impriżi li ma għamlux profitt fis-snin ta' qabel jew li qatt ma għamlu telf. Il-Kummissjoni qieset li t-trattament differenzjali ma kienx iġġustifikat min-natura u l-loġika tas-sistema fiskali, b'mod partikolari minħabba li l-Ungerija sostniet li t-taxxa fuq ir-reklamar hija bbażata fuq l-idea li s-sempliċi riċeviment ta' dħul mir-riklamar jiġġustifika t-tassazzjoni. Għalhekk il-Kummissjoni qieset li dawk id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, għaliex il-kriterji l-oħra kollha għal kwalifikazzjoni bħal din dehru ssodisfati.

(28) Il-miżuri ma dehrux li huma kompatibbli mas-suq intern.

### 3.2. *IL-KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI*

(29) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn tliet partijiet interessati.

(30) Il- *Hungarian Advertising Association* iddeskriviet l-istat tal-industrija tar-reklamar fl-Ungerija u esprimiet tħassib dwar it-taxxa fuq ir-reklamar kif inhi. Hija qieset li t-taxxa tqiegħed piż addizzjonali fuq settur diġà milqut minn dħul dejjem jonqos. Hija indikat li kull taxxa fuq ir-reklamar fuq kumpaniji tal-midja żgħar tista' toħroġ lil dawk il-kumpaniji barra mis-suq minħabba l-marġnijiet ta' profitt baxxi tagħhom.

(31) *TV2*, operatur tat-TV privat Ungeriż, ressaq kummenti biss dwar it-tnaqqis tat-telf tal-passat riportat għal skopijiet ta' taxxa fuq l-introjtu korporattiv u personali. TV2 iqis li d-dispożizzjoni li tikkonċerna t-tpaċija tat-telf tal-passat mhijiex selettiva għaliex huwa fl-ambitu tad-diskrezzjoni ta' Stat Membru li jfassal taxxa bbażata fuq id-dħul filwaqt li fl-istess ħin jikkunsidra elementi ta' taxxa abbażi tal-kapaċità tal-ħlas. Li kieku l-Kummissjoni kellha ssib element ta' selettività fir-regoli dwar it-tnaqqis tat-telf tal-passat, dan l-element jista' jkun biss ir-restrizzjoni ulterjuri għal kumpaniji li ma għamlux profitt fl-2013, iżda mhux ir-regola ġenerali li tippermetti t-tnaqqis tat-telf tal-passat.

(32) *RTL* jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ. Dan sostna li hemm żewġ elementi addizzjonali ta' selettività maħluqa mit-taxxa fuq ir-reklamar: (i) it-taxxa tibbenefika x-xandara pubbliċi fuq ix-xandara kummerċjali, għaliex dawn ta' qabel huma allegatament iffinanzjati primarjament permezz tal-finanzjament mill-Istat u għalhekk huma inqas affettwati mit-taxxa; (ii) it-taxxa tibbenefika x-xandara ta' sjieda Ungeriża fuq atturi internazzjonali għaliex ix-xandara ta' sjieda Ungeriża allegatament tipikament ikollhom dħul mir-reklamar aktar baxx minn dak ta' atturi internazzjonali kbar.

### 3.3. *IL-POŻIZZJONI TAL-AWTORITAJIET UNGERIŻI*

(33) L-awtoritajiet Ungeriżi jikkontestaw li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Essenzjalment, dawn jargumentaw li l-kapaċità tal-ħlas mhijiex biss riflessa mill-profittabilità ta' impriża, iżda wkoll mis-sehem mis-suq tagħha u għalhekk mid-dħul tagħha. L-Ungerija ssostni li r-rati tat-taxxa progressivi għal taxxa bbażata fuq id-dħul huma ġustifikati mill-kapaċità ta' ħlas u li hija fil-kompetenza nazzjonali li tiddefinixxi l-l-iskala preċiża tar-rati. L-Ungerija tqis li l-miżura tranżitorja għal kumpaniji li ma għamlux profitt fl-2013 hija ġustifikata għaliex għal dawk il-kumpaniji l-piż tat-taxxa jkun għoli wisq mingħajr din il-miżura.

(34) L-Ungerija tikkontesta n-natura selettiva tal-iskema tat-taxxa, b'mod partikolari, billi targumenta li ma hemm l-ebda deroga mis-sistema ta' referenza, għaliex is-sistema ta' referenza fil-każ tat-taxxi progressivi hija l-kombinazzjoni tal-bażi għat-taxxa u r-rati tat-taxxa korrispondenti. Għalhekk, il-kumpaniji fl-istess sitwazzjoni legali u fattwali (li għandhom l-istess bażi għat-taxxa) huma soġġetti għall-istess ammont ta' taxxa.

### 3.4. *IL-KUMMENTI MILL-UNGERIJA DWAR IL-KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI*

(35) L-Ungerija stqarret li s-sottomissjoni tal-Hungarian Advertisement Association tiddeskrivi b'mod korrett il-funzjonament tas-suq tar-reklamar Ungeriż u, b'mod partikolari, tasal għall-konklużjonijiet li l-impriżi ta' daqs iżgħar u dawk li għadhom kemm daħlu fis-suq huma f'pożizzjoni aktar diffiċli minn impriżi ta' daqs ikbar bi dħul ogħla. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-atturi ta' daqs iżgħar fis-suq tar-reklamar ma tistax titqabbel ma' dik tal-pubblikaturi ta' daqs ikbar li għandhom il-kapaċità li jħallsu iżjed u għalhekk jenħtieġ li jkollhom piż tat-taxxa progressivament ogħla.

(36) L-Ungerija taqbel mal-kummenti ta' TV2 u tindika li mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ ta' Ġibiltà jirriżulta li l-profittabilità bħala kriterju tat-tassazzjoni hija miżura ta' tassazzjoni ġenerali għaliex tirriżulta minn fatt każwali.

(37) L-Ungerija ma taqbilx mal-argumenti tal-RTL għar-raġunijiet spjegati diġà fis-sottomissjonijiet preċedenti tagħha. L-Ungerija tispjega wkoll li l-Att jittratta x-xandara pubbliċi u kummerċjali b'mod ugwali u kull pubblikazzjoni ta' reklamar għal remunerazzjoni hija soġġetta għall-istess obbligazzjoni tat-taxxa.

## 4. **VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA**

### 4.1. *IL-PREŻENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIS-SENS TAL-ARTIKOLU 107(1) TAT-TFUE*

(38) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(39) Il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għalhekk teħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) il-miżura għandha tkun attribwibbli lill-Istat u ffinanzjata permezz tar-riżorsi tal-Istat; (ii) għandha tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha; (iii) dak il-vantaġġ għandu jkun selettiv; u (iv) il-miżura għandha tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

#### 4.1.1. IR-RIŻORSI TAL-ISTAT U L-ATTRIBWIBILITÀ LILL-ISTAT

(40) Sabiex tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun attribwibbli lil Stat Membru u ffinanzjata permezz tar-riżorsi tal-Istat.

(41) Minħabba li l-miżuri kkontestati jirriżultaw minn Att tal-Parlament Ungeriż, dawn huma attribwibbli b'mod ċar lill-Istat Ungeriż.

(42) Fir-rigward tal-finanzjament tal-miżura permezz tar-riżorsi tal-Istat, fejn ir-riżultat ta' miżura jkun li l-Istat jirrinunzja għad-dħul li kieku jiġbor minn impriża f'ċirkostanzi normali, dik il-kundizzjoni hija ssodisfata wkoll ([4]). F'dan il-każ, l-Ungerija tirrinunzja r-riżorsi li kieku kienet tiġbor mill-impriżi b'livell aktar baxx ta' dħul rilevanti (li huma impriżi ta' daqs iżgħar), kieku dawn kienu soġġetti għall-istess livell ta' taxxa bħall-impriżi bi dħul ogħla (li huma impriżi ta' daqs ikbar).

#### 4.1.2. VANTAĠĠ

(43) Skont il-każistika tal-Qrati tal-Unjoni, il-kunċett tal-għajnuna jinkludi mhux biss benefiċċji pożittivi, iżda anke miżuri li, f'forom differenti, jimmitigaw l-imposti li normalment huma inklużi fil-baġit ta' impriża ([5]). Vantaġġ jista' jingħata permezz ta' tipi differenti ta' tnaqqis fil-piż tat-taxxa ta' kumpanija u, b'mod partikolari, permezz ta'

([4]) Il-Kawża C-83/98 P *ir-Repubblika Franċiża vs Ladbroke Racing Ltd u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* ECLI:EU:C:2000:248 u ECLI:EU:C:1999:577, il-paragrafi 48 sa 51. Bl-istess mod, miżura li tagħti lil ċerti impriżi tnaqqis fit-taxxa jew li tippermettilhom jipposponu l-pagamenti tat-taxxa normalment dovuti tista' tammonta għal għajnuna mill-Istat, ara l-Kawżi Magħquda minn C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos et*, il-paragrafu 46.

([5]) Il-Kawża C-143/99 Adria-Wien Pipeline, EU: C: 2001:598, il-paragrafu 38.

tnaqqis fir-rata tat-taxxa applikabbli, fil-bażi għat-taxxa jew fl-ammont tat-taxxa dovuta ([6]). Għalkemm tnaqqis fit-taxxa ma jinvolvix trasferiment pożittiv tar-riżorsi mill-Istat, joħloq vantaġġ minħabba l-fatt li jqiegħed l-impriżi li japplika għalihom f'pożizzjoni finanzjarja aktar favorevoli u jirriżulta f'telf ta' dħul għall-Istat ([7]).

(44) L-Att jistabbilixxi rati ta' tassazzjoni progressivi li japplikaw għad-dħul annwali li jiġi mill-pubblikazzjoni tar-reklami fl-Ungerija skont il-kategorija li d-dħul ta' impriża jaqa' fiha. Il-karattru progressiv ta' dawk ir-rati għandu l-effett li l-perċentwal tat-taxxa impost fuq id-dħul ta' impriża jiżdied progressivament skont in-numru ta' kategoriji li d-dħul jaqa' fihom. Dan iwassal biex l-impriżi li għandhom dħul baxx (l-impriżi ta' daqs iżgħar) jiġu intaxxati b'rata medja sostanzjalment aktar baxxa mill-impriżi bi dħul għoli (l-impriżi ta' daqs ikbar). L-intaxxar b'din ir-rata tat-taxxa medja sostanzjalment aktar baxxa jimmitiga l-imposti li l-impriżi bi dħul aktar baxx ikollhom iġarrbu meta mqabbla mal-impriżi bi dħul għoli u għalhekk jikkostitwixxi vantaġġ għall-benefiċċji ta' impriżi ta' daqs iżgħar fuq impriżi ta' daqs ikbar għall-fini tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(45) Bl-istess mod, il-possibbiltà skont l-Att li jitnaqqas it-telf riportat għall-fini tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv jew personali tikkostitwixxi vantaġġ għal dawk l-impriżi li ma għamlux profitt fl-2013, għaliex din tnaqqas il-bażi għat-taxxa tagħhom u b'hekk il-piż tat-taxxa tagħhom meta mqabbla mal-impriżi li ma jistgħux jibbenefikaw minn dan it-tnaqqis.

### 4.1.3. SELETTIVITÀ

(46) Miżura hija selettiva jekk din tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Għall-iskemi fiskali l-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li s-selettività tal-miżura jenħtieġ li fil-prinċipju tiġi vvalutata permezz ta' analiżi fi tliet stadji ([8]). L-ewwel, jiġi identifikat ir-reġim tat-taxxa komuni jew normali applikabbli fl-Istat Membru: "is-sistema ta'referenza". It-tieni, jenħtieġ li jiġi ddeterminat jekk miżura speċifika tikkostitwixxix deroga minn dik is-sistema sa fejn din tiddifferenzja bejn l-operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-objettivi intrinsiċi għas-sistema, huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli. Jekk il-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixxix deroga mis-sistema ta' referenza, din mhijiex selettiva. Jekk iva (u għalhekk hija selettiva *prima facie*), fit-tielet stadju tal-analiżi, irid jiġi ddeterminat jekk il-miżura derogatorja hijiex ġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali ta' referenza ([9]). Jekk miżura selettiva *prima facie* tkun ġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema, din ma titqiesx bħala selettiva u għalhekk se taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

#### 4.1.3.1. ***Is-sistema ta' referenza***

(47) Is-sistema ta' referenza tikkostitwixxi l-qafas li skontu tiġi vvalutata s-selettività ta' miżura.

(48) F'dan il-każ, is-sistema ta' referenza hija l-applikazzjoni ta' taxxa speċjali fuq ir-reklamar fuq id-dħul li jiġi mill-provvista tas-servizzi ta' reklamar, jiġifieri, ir-remunerazzjoni sħiħa li jirċievu l-pubblikaturi għall-pubblikazzjoni tar-reklami, mingħajr it-tnaqqis ta' ebda kost. Il-Kummissjoni ma tqisx li l-istruttura tar-rati progressivi tat-taxxa fuq ir-reklamar tista' tifforma parti minn din is-sistema ta' referenza.

(49) Kif speċifikat il-Qorti tal-Ġustizzja ([10]), mhux dejjem huwa biżżejjed li l-analiżi tas-selettività tkun limitata għal jekk miżura tidderogax mis-sistema ta' referenza kif definit mill-Istat Membru. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi evalwat jekk il-limiti ta' dik is-sistema ġewx imfassla mill-Istat Membru b'mod konsistenti jew, għall-kuntrarju, b'mod li huwa arbitrarju jew preġudikat b'mod ċar, sabiex jiffavorixxi impriżi speċifiċi fuq oħrajn. Inkella, minflok jiġu

---

([6]) Ara l-Kawża C-66/02, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, UE: C: 2005:768, il-paragrafu 78; il-Kawża C-222/04, *Cassa di Risparmio di Firenze et*, EU: C: 2006:8, il-paragrafu 132; Case C-522/13, *Ministerio de Defensa u Navantia*, eu: C: 2014:2262, il-paragrafi minn 21 sa 31. Ara wkoll il-punt 9 tal-avviż tal-Kummissjoni fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna tal-istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett (ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3).

([7]) Il-Kawżi Magħquda C-393/04 u C-41/05, Air, Air Liquide Industries Belgium EU: C: 2006:403 u EU: C: 2006:216, il-paragrafu 30 u l-Kawża C-387/92 Banco Exterior de España EU: C: 1994:100, il-paragrafu 14.

([8]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-279/08 P *Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi* (*No*$_x$) ECLI:EU:C:2011:551; il-Kawża C-143/99 *Adria-Wien Pipeline* EU: C: 2001:598, il-Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos et* ECLI:EU:C:2011;550 u ECLI:EU:C:2010:411, il-Kawża C-308/01 *GIL Insurance* ECLI:EU:C:2004:252 u ECLI:EU:C:2003;481.

([9]) L-Avviż tal-Kummissjoni fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna tal-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett.

([10]) Il-Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u r-Renju Unit ECLI:EU:C:2011:732.

stabbiliti regoli ġenerali li japplikaw għall-impriżi kollha u li minnhom issir deroga għal impriżi speċifiċi, l-Istat Membru jista' jikseb l-istess riżultat, u jevita r-regoli tal-għajnuna mill-Istat, billi jaġġusta jew jikkombina r-regoli tiegħu b'tali mod li l-applikazzjoni tagħhom tirriżulta f'piż differenti għal impriżi differenti [11]. Huwa partikolarment importanti li jiġi mfakkar f'dak ir-rigward li l-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement sostniet li l-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma jiddistingwix bejn miżuri ta' intervent tal-Istat b'referenza għall-kawżi tagħhom jew l-għanijiet tagħhom, iżda tiddefinixxihom fir-rigward tal-effetti tagħhom, u għalhekk indipendentement mit-tekniki użati [12].

(50) L-istruttura tat-taxxi progressivi introdotta mill-Att tidher imfassla deliberatament mill-Ungerija biex tiffavorixxi ċertu impriżi fuq oħrajn. Skont l-istruttura tat-taxxi progressivi introdotta skont l-Att, l-impriżi li jippubblikaw reklami huma soġġetti għal rati tat-taxxa differenti li jiżdiedu b'mod progressiv minn 0 % għal 50 %, skont il-kategoriji li l-dħul jaqa' fihom. Konsegwentement, tapplika rata tat-taxxa medja differenti għal impriżi soġġetti għat-taxxa fuq ir-reklamar skont il-livell tad-dħul tagħhom.

(51) L-effett tal-istruttura ta' rati progressivi introdotta mill-Att għalhekk huwa li impriżi differenti huma soġġetti għal livelli differenti ta' tassazzjoni (espressi bħala proporzjon tad-dħul annwali globali tagħhom mir-reklamar) skont id-daqs tagħhom, billi l-ammont ta' dħul mir-reklamar miksub minn impriża sa ċertu punt jikkorrelata mad-daqs ta' dik l-impriża.

(52) Minħabba li kull kumpanija hija intaxxata b'rata differenti, mhuwiex possibbli għall-Kummissjoni li tidentifika rata ta' referenza unika waħda fit-taxxa fuq ir-reklamar. L-Ungerija ma ppreżentatx rata speċifika bħala r-rata ta' referenza jew ir-rata "normali" u la spjegat għaliex rata ogħla tkun ġustifikata għal impriżi b'livell għoli ta' dħul, u lanqas għaliex rati aktar baxxi għandhom japplikaw għal impriżi b'livelli aktar baxxi ta' dħul mir-reklamar.

(53) L-objettiv iddikjarat tat-taxxa fuq ir-reklamar huwa li jiġi promoss il-prinċipju tal-kondiviżjoni tal-piż pubbliku. Fid-dawl ta' dak l-objettiv, il-Kummissjoni tqis li l-operaturi kollha soġġetti għat-taxxa fuq ir-reklamar qegħdin f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli. Konsegwentement, sakemm ma jkunx debitament ġustifikati, l-operaturi kollha jenħtieġ li jkunu ttrattati b'mod ugwali u jħallsu l-istess proporzjon tad-dħul tagħhom irrispettivament mil-livell ta' dħul tagħhom. Il-Kummissjoni tosserva li minħabba l-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa unika għall-operaturi kollha, dawk bi dħul ogħla diġà jikkontribwixxu aktar għall-baġit tal-Istat minn dawk bi dħul baxx. L-Ungerija ma tat l-ebda argument konvinċenti li jiġġustifika d-diskriminazzjoni bejn dawk it-tipi ta' impriżi bl-impożizzjoni progressiva ta' piż tat-taxxa proporzjonalment ogħla fuq dawk bi dħul ogħla mir-reklamar. Għalhekk, l-Ungerija fasslet deliberatament it-taxxa fuq ir-reklamar b'tali mod li jiffavorixxi arbitrarjament ċerti impriżi, jiġifieri dawk b'livell aktar baxx ta' dħul (li huma impriżi ta' daqs iżgħar), u jqiegħed lil oħrajn fi żvantaġġ, jiġifieri lil impriżi ta' daqs ikbar [13].

(54) Is-sistema ta' referenza għalhekk hija selettiva fit-tfassil b'mod li mhuwiex ġustifikat fid-dawl tal-objettiv tat-taxxa fuq ir-reklamar, li huwa li jiġi promoss il-prinċjipju tal-kondiviżjoni tal-piż pubbliku u li jinġabru l-fondi għall-baġit tal-Istat.

(55) Bl-istess mod, il-possibbiltà li jitnaqqas it-telf tal-passat riportat għal skopijiet ta' taxxa fuq l-introjtu korporattiv u personali mill-bażi għat-taxxa tal-2014, ma tistax titqies bħala parti mis-sistema ta' referenza f'dan il-każ mill-inqas għal żewġ raġunijiet. Minn naħa waħda, it-taxxa hija bbażata fuq it-tassazzjoni tad-dħul għall-kuntrarju ta' taxxa bbażata fuq il-profitt, li jfisser li l-kostijiet normalment ma jiġux imnaqqsa mill-bażi għat-taxxa ta' taxxa fuq il-dħul. L-awtoritajiet Ungeriżi ma setgħux jispjegaw f'dan il-każ kif din il-possibbiltà tat-tnaqqis tal-kostijiet tista' tkun konnessa mal-objettiv jew in-natura tat-taxxa fuq id-dħul. Min-naħa l-oħra, il-possibbiltà tat-tnaqqis hija offruta biss lill-impriżi li ma għamlux profitt fl-2013. Din mhix regola ġenerali tat-tnaqqis u din il-possibbiltà ta' tnaqqis tidher li hija arbitrarja jew mill-inqas mhux konsistenti biżżejjed biex tkun parti minn sistema ta' referenza.

(56) Fil-fehma tal-Kummissjoni, is-sistema ta' referenza għat-tassazzjoni tad-dħul mir-reklamar jenħtieġ li tkun taxxa fuq id-dħul mir-reklamar li tikkonforma mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, jiġifieri fejn:

— id-dħul mir-reklamar huwa soġġett għall-istess rata tat-taxxa (unika);

— l-ebda element ieħor ma huwa miżmum jew introdott jekk jista' jagħti vantaġġ selettiv lil ċerti impriżi

(11) Ibid, il-paragrafu 92.
(12) Il-Kawża C-487/06 P British Aggregates vs Il-Kummissjoni ECLI:EU:C:2008:757, il-paragrafi 85 u 89 u l-każistika ċċitata, u l-Kawża C-279/08 P Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi ($NO_x$) ECLI:EU:C:2011:551, il-paragrafu 51.
(13) Il-Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P *Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit* ECLI:EU:C:2011:732.

4.1.3.2. ***Deroga mis-sistema ta' referenza***

(57) Bħala t-tieni stadju, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk il-miżura tidderogax mis-sistema ta' referenza favur ċertu impriżi li huma f'sitwazzjoni fattwali u legali simili fid-dawl tal-objettiv intrinsiku tas-sistema ta' referenza.

(58) Il-progressività tal-istruttura tar-rati tat-taxxi fuq ir-reklamar toħloq differenzjazzjoni fost l-impriżi li jwettqu l-attività ta' pubblikazzjoni ta' reklami fl-Ungerija abbażi tal-iskala tal-attività tar-reklamar tagħhom, kif rifless fid-dħul tagħhom mir-reklamar.

(59) Tabilħaqq, minħabba l-karattru progressiv tar-rati stabbiliti mill-Att, l-impriżi bi dħul li jaqa' fil-kategoriji aktar baxxi huma soġġetti għal tassazzjoni sostanzjalment aktar baxxa mill-impriżi bi dħul li jaqa' fil-kategoriji aktar għoljin. B'riżultat ta' dan, l-impriżi bi dħul baxx huma soġġetti kemm għal rati tat-taxxa marġinali sostanzjalment aktar baxxi kif ukoll għal rati tat-taxxi medji sostanzjalment aktar baxxi meta mqabbla ma' impriżi b'livelli għoljin ta' dħul, u għalhekk għal tassazzjoni sostanzjalment aktar baxxa għall-istess attivitajiet. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota li għal impriżi bi dħul mir-reklamar ogħla t-tassazzjoni tad-dħul li taqa' fl-ogħla kategoriji (30 %/40 %/50 %) hija eċċezzjonalment għolja u għalhekk tirriżulta fi trattament sostanzjalment differenzjali.

(60) Barra minn hekk, id-dejta fuq il-ħlasijiet bil-quddiem tat-taxxa sottomessa mill-awtoritajiet Ungeriżi fis-17 ta' Frar 2015 turi li r-rati tat-taxxa ta' 30 % u 40 %/50 % applikabbli għad-dħul mir-reklamar li jaqa' fl-ogħla żewġ kategoriji effettivament applikaw biss għal impriża waħda fl-2014 u li din l-impriża ħallset madwar 80 % tad-dħul totali mit-taxxi bil-quddiem li rċieva l-Istat Ungeriż. Dawk iċ-ċifri juru l-effetti konkreti tat-trattament differenzjali tal-impriżi skont l-Att u l-karattru selettiv tar-rati progressivi stabbiliti minnu.

(61) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-istruttura ta' rati progressivi introdotta mill-Att tidderoga mis-sistema ta' referenza li tikkonsisti mill-impożizzjoni ta' taxxa fuq ir-reklamar fuq l-operaturi kollha involuti fil-pubblikazzjoni ta' reklami fl-Ungerija favur impriżi bi dħul aktar baxx.

(62) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-possibbiltà għal impriżi li ma għamlux profitt fl-2013 li jnaqqsu mill-bażi għat-taxxa tal-2014 it-telf tal-passat riportat għal skopijiet ta' taxxa fuq l-introjtu korporattiva u personali biex jidderogaw mis-sistema ta' referenza, jiġifieri mir-regola ġenerali li l-operaturi jkunu intaxxati fuq il-bażi tad-dħul tagħhom mir-reklamar. It-taxxa hija bbażata fuq it-tassazzjoni tad-dħul għall-kuntrarju ta' taxxa bbażata fuq il-profitt, li jfisser li l-kostijiet normalment ma jitnaqqsux mill-bażi għat-taxxa ta' taxxa fuq il-dħul.

(63) B'mod partikolari, ir-restrizzjoni tat-tnaqqis tat-telf għal impriżi li ma għamlux profitt fl-2013 tiddifferenzja bejn, minn naħa waħda, impriżi li kellhom it-telf riportat, u li ma għamlux profitt fl-2013 u, min-naħa l-oħra, impriżi li għamlu profitt fl-2013 iżda setgħu kellhom telf riportat minn snin fiskali preċedenti. Barra dan, id-dispożizzjoni ma tillimitax it-telf li jista' jiġi paċat mal-obbligazzjoni ta' taxxa fuq ir-reklamar għal dak li sar fl-2013, iżda tippermetti impriża li ma għamlitx profitt fl-2013 tuża wkoll it-telf riportat mis-snin preċedenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis tat-telf li jkun diġà jeżisti fi żmien l-adozzjoni tal-Att dwar it-Taxxa fuq ir-Reklamar jinvolvi s-selettività għaliex il-benefiċċju ta' dak it-tnaqqis jista' jiffavorixxi ċertu impriżi li jkunu rriportaw telf sostanzjali.

(64) Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet tal-Att li jippermettu — skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Att — it-tnaqqis tat-telf riportat jiddifferenzjaw bejn impriżi li huma f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli fid-dawl tal-objettiv tat-taxxa fuq ir-reklamar Ungeriża.

(65) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri huma *prima facia* selettivi.

4.1.3.3. ***Il-ġustifikazzjoni skont in-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali***

(66) Miżura li tidderoga mis-sistema ta' referenza mhijiex selettiva jekk tkun ġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali ta' dik is-sistema. Dan huwa l-każ fejn din tkun ir-riżultat ta' mekkaniżmi inerenti li huma meħtieġa għall-funzjonament u l-effettività tas-sistema ([14]). Huwa f'idejn l-Istat Membru li jipprovdi tali ġustifikazzjoni.

([14]) Ara pereżempju l-Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos et* ECLI:EU:C:2011;550 u ECLI:EU:C:2010:411, il-paragrafu 69.

**Il-progressività tar-rati**

(67) L-awtoritajiet Ungeriżi argumentaw li d-dħul u d-daqs tal-impriża jirriflettu l-kapaċità ta' dik l-impriża li tħallas u għalhekk impriża bi dħul mir-reklamar għoli għandha kapaċità ogħla li tħallas minn impriża li għandha dħul mir-reklamar aktar baxx. Il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija la stabbiliet li d-dħul ta' grupp ta' kumpaniji huwa indikatur tajjeb tal-kapaċità tagħhom li jħallsu u lanqas li l-mudell tal-progressività tat-taxxa huwa ġustifikat min-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali.

(68) Hija konsegwenza naturali tat-taxxi fuq id-dħul (b'rata unika) li aktar ma jkun kbir id-dħul ta' kumpanija, aktar trid tħallas taxxa. Għall-kuntrarju tat-taxxi bbażati fuq il-profitt ([15]), taxxa bbażata fuq id-dħul madankollu mhix maħsuba biex tikkunsidra — u tabilħaqq ma tikkunsidrax — kostijiet imġarrba fil-ġenerazzjoni ta' dak id-dħul. Għalhekk, fin-nuqqas ta' evidenza speċifika għall-kuntrarju, il-livell ta' dħul iġġenerat ma jistax jitqies b'mod awtomatiku bħala li jirrifletti l-kapaċità tal-ħlas tal-impriża. L-Ungerija ma urietx l-eżistenza tar-relazzjoni allegata bejn id-dħul u l-kapaċità tal-ħlas u lanqas li t-tali relazzjoni hija riflessa b'mod korrett fil-mudell tal-progressività (minn 0 % għal 50 % tad-dħul) tat-taxxa fuq ir-reklamar.

(69) Il-Kummissjoni tqis li r-rati progressivi għat-taxxi fuq id-dħul jistgħu jkunu ġustifikati biss b'mod eċċezzjonali, jiġifieri jekk l-objettiv speċifiku segwit mit-taxxa tabilħaqq jeħtieġx rati progressivi. It-taxxi fuq id-dħul progressivi jistgħu, pereżempju, jkunu ġustifikati jekk l-esternalitajiet maħluqa minn attività li t-taxxa suppost tittratta jiżdiedu wkoll b'mod progressiv — jiġifieri aktar milli b'mod proporzjonali — mad-dħul tagħha. Madankollu, l-Ungerija ma tat l-ebda ġustifikazzjoni tal-progressività tat-taxxa bl-esternalitajiet li jistgħu jinħolqu mir-reklamar.

**Tnaqqis tat-telf riportat**

(70) Fir-rigward tat-tnaqqis tat-telf riportat għal impriżi li ma għamlux profitt fl-2013, tnaqqis bħal dan ma jistax ikun ġustifikat bħala miżura li tipprevjeni l-evitar tat-taxxa u ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligazzjonijiet tat-taxxa. Il-miżura tintroduċi distinzjoni arbitrarja bejn żewġ gruppi ta' kumpaniji li huma f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli. Minħabba li d-distinzjoni hija arbitrarja u mhux konformi man-natura tat-taxxa bbażata fuq id-dħul, kif deskritt fil-premessi 62 u 63, din ma tistax titqies bħala regola konsistenti kontra l-abbuż li tiġġustifika trattament differenzjali.

**Konklużjoni dwar il-ġustifikazzjoni**

(71) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tqis li l-abilità tal-ħlas ma tistax isservi bħala prinċipju ta' gwida għat-taxxa Ungeriża fuq id-dħul mir-reklamar. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tqisx il-miżuri bħala ġustifikati min-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali. Għalhekk, il-miżuri jagħtu vantaġġ selettiv lill-kumpaniji tar-reklamar b'livell aktar baxx ta' dħul (li huma impriżi ta' daqs iżgħar) u lill-impriżi li ma għamlux profitt fl-2013 u setgħu jnaqqsu t-telf riportat mill-bażi għat-taxxa tal-2014.

4.1.4. TGĦAWWIĠ POTENZJALI TAL-KOMPETIZZJONI U L-EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ INTRA-UE

(72) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, miżura trid tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni u jkollha effett fuq il-kummerċ intra-UE biex din tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(73) Il-miżuri japplikaw għall-impriżi kollha li jagħmlu dħul mill-pubblikazzjoni tar-reklami fl-Ungerija. Is-suq tar-reklamar Ungeriż huwa miftuħ għall-kompetizzjoni u kkaratterizzat mill-preżenza ta' operaturi minn Stati Membri oħra, u għaldaqstant kull għajnuna favur ċerti operaturi tar-reklamar taffettwa l-kummerċ intra-UE. Tabilħaqq, il-miżuri għandhom influwenza fuq is-sitwazzjoni kompetittiva tal-impriżi soġġetti għat-taxxa. Il-miżuri jeħilsu lil impriżi b'livelli aktar baxxi ta' dħul u impriżi li ma għamlux profitt fl-2013 minn obbligazzjoni ta' taxxa li kieku kien ikollhom iħallsu, li kieku kienu soġġetti għall-istess taxxa fuq ir-reklamar bħal impriżi b'livell għoli ta' dħul u/jew impriżi li għamlu profitt fl-2013. Għalhekk, l-għajnuna mogħtija taħt dawk il-miżuri

([15]) Ara l-avviż tal-Kummissjoni fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna tal-istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett, para. 24. Id-dikjarazzjoni dwar l-iskop ridistributtiv li jista' jiġġustifika rata tat-taxxa progressiva issir biss espliċitament fir-rigward tat-taxxi fuq il-profitti jew l-introjtu (nett), mhux fir-rigward tat-taxxi fuq id-dħul.

tikkostitwixxi għajnuna operattiva għaliex teħles lil dawk l-impriżi minn imposta li normalment kien ikollhom iġarrbu fil-ġestjoni ta' kuljum jew fl-attivitajiet normali tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja regolarment sostniet li l-għajnuna operattiva tgħawweġ il-kompetizzjoni, ([16]) u għaldaqstant kull għajnuna mogħtija lil dawk l-impriżi jenħtieġ li titqies bħala li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi ssaħħaħ il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fuq is-suq tar-reklamar Ungeriż. Konsegwentement, il-miżuri jgħawġu jew jheddu li jgħawġu l-kompetizzjoni u għandhom effett fuq il-kummerċ intra-UE.

#### 4.1.5. KONKLUŻJONI

(74) Billi l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti bl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-taxxa fuq ir-reklamar li tistabbilixxi struttura ta' rati tat-taxxa progressivi u l-limitazzjoni tat-tnaqqis tat-telf riportat mill-bażi għat-taxxa tal-2014 għal kumpaniji li ma għamlux profitt fl-2013, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni.

### 4.2. *IL-KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA MAS-SUQ INTERN*

(75) L-għajnuna mill-Istat għandha titqies kompatibbli mas-suq intern jekk din taqa' f'xi waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 107(2) tat-Trattat ([17]) u tista' titqies kompatibbli mas-suq intern jekk il-Kummissjoni ssib li din taqa' f'xi waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 107(3) tat-Trattat ([18]). Madankollu, huwa l-Istat Membru li jagħti l-għajnuna li jrid jagħti l-prova li l-għajnuna mill-Istat mogħtija hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107(2) jew 107(3) tat-Trattat ([19]).

(76) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Ungeriżi ma taw l-ebda argument li jista' jistabbilixxi li l-miżuri huma kompatibbli mas-suq intern u li l-Ungerija ma tatx kummenti dwar id-dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ fir-rigward tal-kompatibilità tal-miżuri. Il-Kummissjoni tqis li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet imsemmija tat-Trattat ma tapplika, għaliex il-miżuri ma jidhrux li għandhom l-għan li jiksbu xi wieħed mill-objettivi elenkati f'dawk id-dispożizzjonijet.

(77) Konsegwentement, il-miżuri ma jistgħux ikunu ddikjarati bħala kompatibbli mas-suq intern.

### 4.3. *L-IMPATT TAL-EMENDA TAL-2015 TAT-TAXXA FUQ IR-REKLAMAR FUQ IL-VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT*

(78) It-taxxa fuq ir-reklamar introdotta bl-Att XXII tal-2014 — kif deskritta fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ — ma baqgħetx tapplika sa mid-data tad-deċiżjoni mill-Kummissjoni li tiftaħ l-investigazzjoni formali u toħroġ inġunzjoni ta' sospensjoni. Madankollu, it-taxxa fuq ir-reklamar tal-2014 kienet modifikata mill-awtoritajiet Ungeriżi f'Ġunju 2015, mingħajr notifika preċedenti u/jew approvazzjoni mill-Kummissjoni, u għalhekk it-taxxa baqgħet tapplika fil-verżjoni emendata tagħha. Il-Kummissjoni tqis li l-verżjoni emendata tat-taxxa fuq ir-reklamar hija bbażata fuq l-istess prinċipji bħat-taxxa inizjali u fiha — mill-inqas sa ċertu livell — l-istess karatteristiċi deskritti fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ li wasslu l-Kummissjoni biex tiftaħ investigazzjoni formali. Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tqis li l-verżjoni emendata tat-taxxa fuq ir-reklamar taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ. F'din it-taqsima, il-Kummissjoni tivvaluta jekk — u sa liema livell — il-verżjoni emendata tat-taxxa ttaffi d-dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ rigward it-taxxa fuq ir-reklamar inizjali.

(79) Filwaqt li l-emenda tal-2015 tindirizza parti mit-tħassib dwar l-għajnuna mill-Istat espress mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, din ma tindirizzax it-tħassib kollu għal kollox.

---

([16]) Il-Kawża C-172/03 *Heiser* ECLI:EU:C:2005:130, il-paragrafu 55. Ara wkoll il-Kawża C-494/06 P *Il-Kummissjoni vs L-Italja u Wam* ECLI:EU:C:2009:272, il-paragrafu 54 u l-każistika ċitata u C-271/13 P *Rousse Industry vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2014:175, il-paragrafu 44. Il-Kawżi Magħquda C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P *Comitato "Venezia vuole vivere" et vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2011:368, il-paragrafu 136. Ara wkoll il-Kawża C-156/98 *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2000:467, il-paragrafu 30, u l-każistika ċċitata.

([17]) L-eċċezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 107(2) tat-TFUE jikkonċernaw: (a) għajnuna ta' karattru soċjali mogħtija lil konsumaturi individwali; (b) għajnuna li tikkumpensa għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali; u (c) għajnuna mogħtija lil ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

([18]) L-eċċezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE jikkonċernaw: (a) għajnuna li tippromwovi l-iżvilupp ta' ċertu żoni; (b) għajnuna għal ċerti proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni jew li tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija tal-Istat Membru; (c) għajnuna għall-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew żoni ekonomiċi; (d) għajnuna għall-promozzjoni tal-konservazzjoni kulturali u tal-wirt; u (e) għajnuna speċifikata permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill.

([19]) Il-Kawża T-68/03 *Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni* EU:T:2007:253, il-paragrafu 34.

(80) L-ewwel, l-istruttura tar-rati tat-taxxa l-ġdida għadha tipprovdi għal eżenzjoni għal kumpaniji (gruppi) bi dħul taħt il-HUF 100 miljun, madwar EUR 325 000 (fejn tapplika r-rata ta' 0 %) filwaqt li l-oħrajn iħallsu 5,3 % għall-parti tad-dħul tagħhom li taqbeż il-HUF 100 miljun. Fil-prattika dan ifisser li tinżamm il-progressività fit-tassazzjoni tal-kumpaniji bi dħul mir-reklamar li jaqbeż il-livell limitu.

(81) Il-livell limitu l-ġdid li skontu tapplika r-rata ta' 0 % (HUF 100 miljun) huwa aktar baxx minn dak li skontu tiġi applikata r-rata tat-taxxa ta' 0 % skont il-leġiżlazzjoni l-qadima (li kien ta' HUF 500 miljun). Madankollu, dan jirriżulta f'nuqqas ta' ġbir ta' taxxi ta' madwar EUR 17 000 fis-sena (5,3 % × EUR 325 000).

(82) Il-Kummissjoni tat lill-Ungerija l-opportunità li tiġġustifika l-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa ta' 0 % għal dħul mir-reklamar ta' inqas minn HUF 100 miljun bil-loġika tas-sistema fiskali (eż il-piż amministrattiv). Madankollu, l-Ungerija ma offrietx raġunijiet li juru li l-kost tal-ġbir tat-taxxa (il-piż amministrattiv) ikun akbar mill-ammonti tat-taxxa miġbura (sa madwar EUR 17 000 ta' taxxa fis-sena).

(83) It-tieni, l-emenda tintroduċi applikazzjoni retroattiva fakultattiva li tmur lura sad-dħul fis-seħħ tat-taxxa fl-2014; għall-passat, il-kontribwenti jistgħu jagħżlu li japplikaw jew is-sistema l-ġdida jew dik ta' qabel.

(84) Dan ifisser li, fil-prattika, il-kumpaniji li kienu soġġetti għar-rata tat-taxxa ta' 0 % u 1 % fil-passat mhux se jiġu intaxxati b'mod retroattiv bir-rata ta' 5,3 % għaliex mhux probabbli li dawn jagħżlu li jħallsu iżjed taxxi. Għalhekk, taħt is-sistema l-ġdida, l-effett retroattiv fakultattiv tat-taxxa modifikata jippermetti lill-kumpaniji jevitaw il-ħlas tat-taxxa, u dan jagħti vantaġġ ekonomiku lil dawk li ma jagħżlux ir-rata ta' 5,3 %.

(85) It-tielet, it-tnaqqis mill-bażi għat-taxxa tal-2014 tat-telf tal-passat riportat limitat għal kumpaniji li ma għamlux profitt fl-2013 jibqa' l-istess. It-tħassib dwar l-għajnuna mill-Istat espress fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ għalhekk mhuwiex indirizzat fl-iskema emendata u jibqa' validu.

(86) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tqis li l-emendi tal-2015 għall-Att dwar it-Taxxa fuq ir-Reklamar jindirizzaw biss parzjalment it-tħassib imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ rigward l-Att dwar it-Taxxa fuq ir-Reklamar tal-2014. Tabilħaqq l-att emendat fih l-istess elementi li l-Kummissjoni tqis bħala li jinvolvu għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-iskema preċedenti. Anke jekk in-numru tar-rati u tal-kategoriji applikabbli ġie mnaqqas minn 6 għal 2 u l-ogħla rata ġiet sostanzjalment imnaqqsa minn 50 % għal 5,3 %, it-taxxa baqgħet progressiva, il-progressività tagħha baqgħet mhux ġustifikata u t-tnaqqis tat-telf riportat ikompli japplika bħal qabel. Din il-valutazzjoni hija valida għall-futur iżda anke għall-passat, jiġifieri mid-dħul fis-seħħ tal-Att emendat fil-5 ta' Lulju 2015 u possibbilment, b'effett retroattiv lura għad-dħul fis-seħħ tal-Att fl-2014.

(87) Għalhekk, l-emendi tal-2015 għat-taxxa dwar ir-reklamar ma jaffettwawx il-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-taxxa fuq ir-reklamar għadha tinvolvi għajnuna mill-Istat illegali u mhux kompatibbli.

### 4.4. *L-IRKUPRU TAL-GĦAJNUNA*

(88) Kif diġà ġie ddikjarat fil-premessa 78, il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni tal-Ftuħ tkopri wkoll l-iskema emendata. Għalhekk, din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-Att dwar it-Taxxa fuq ir-Reklamar kif kien fis-seħħ fi żmien id-Deċiżjoni tal-Ftuħ, jiġifieri fit-12 ta' Marzu 2015, kif ukoll l-emendi tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2015.

(89) Il-miżuri ma ġewx innotifikati lill-Kummissjoni, jew iddikjarati minnha bħala kompatibbli mas-suq intern. Dawk il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għajnuna ġdida fis-sens tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament (UE) 2015/1589. Minħabba li dawk il-miżuri ġew implimentati bi ksur tal-obbligu ta' waqfien stabbilit fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat, jikkostitwixxu wkoll għajnuna illegali fis-sens tal-Artikolu 1(f) tar-Regolament (UE) 2015/1589.

(90) Il-konsegwenza tas-sejba li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali u mhux kompatibbli hija li l-għajnuna trid tiġi rkuprata mill-benefiċjarji tagħha skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/1589.

(91) Fir-rigward tal-progressività tar-rata tat-taxxa, l-irkupru tal-għajnuna jfisser li l-Ungerija teħtieġ tittratta lill-impriżi kollha b'mod ugwali daqslikieku kienu soġġetti għal rata fissa unika. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis ir-rata fissa unika bħala 5.3 % kif iddeterminat mill-Ungerija fil-verżjoni emendata tat-taxxa sakemm l-Ungerija ma

tiddeċidiex, fi żmien xahrejn mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, li tistabbilixxi livell differenti għar-rata tat-taxxa unika li tkun tapplika b'mod retroattiv għall-impriżi kollha tul il-perjodu sħiħ tal-applikazzjoni tat-taxxa fuq ir-reklamar (il-verżjonijiet oriġinali u emendati) jew li tabolixxi t-taxxa fuq ir-reklamar b'mod retroattiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

(92) Rigward l-għajnuna mogħtija lill-impriżi li ma għamlux profitt fl-2013 li tirriżulta mit-tnaqqis tat-telf riportat, l-Ungerija trid tirkupra d-differenza bejn it-taxxa dovuta bl-applikazzjoni tar-rata tat-taxxa fissa għad-dħul mir-reklamar sħiħ tal-kumpaniji soġġetti għat-taxxa mingħajr ebda tnaqqis tat-telf, u t-taxxa mħallsa effettivament. Din id-differenza tikkorrispondi għat-taxxa li ġiet evitata wara t-tnaqqis.

(93) Kif sostnut fil-premessa 56, is-sistema ta' referenza għat-tassazzjoni tad-dħul mir-reklamar tkun taxxa fejn:

— id-dħul kollu mir-reklamar ikun soġġett għat-taxxa (l-ebda alternattiva), mingħajr it-tnaqqis ta' xi telf riportat.

— id-dħul huwa soġġett għall-istess rata tat-taxxa (unika); b'mod awtomatiku, din ir-rata unika hija stabbilita għal 5,3 %;

— l-ebda element ieħor ma huwa miżmum jew introdott li jista' jagħti vantaġġ selettiv lil ċertu impriżi

(94) Fir-rigward tal-irkupru, dan ifisser li għall-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ tat-taxxa fuq ir-reklamar fl-2014 u d-data tal-abolizzjoni tagħha jew tas-sostituzzjoni tagħha bi skema li tikkonforma bis-sħiħ mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, l-ammont tal-għajnuna riċevut mill-kumpaniji li jagħmlu dħul mir-reklamar jenħtieġ li jkun ikkalkulat bħala d-differenza bejn:

— minn naħa waħda, l-ammont tat-taxxa (1) li l-impriża suppost tkun ħallset taħt l-applikazzjoni tas-sistema ta' referenza b'konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat (b'rata tat-taxxa unika ta', b'mod awtomatiku, 5,3 % għad-dħul kollu mir-reklamar mingħajr it-tnaqqis ta' kwalunkwe telf riportat);

— min-naħa l-oħra, l-ammont ta' taxxa (2) li l-impriża kellha tħallas jew kienet ħallset diġà.

(95) Sabiex id-differenza bejn l-ammont ta' taxxa (1) u l-ammont ta' taxxa (2) tkun pożittiva, l-ammont tal-għajnuna jenħtieġ li jiġi rkuprat inkluż l-imgħax tal-irkupru mid-data li fiha kienet dovuta t-taxxa.

(96) Ma jkunx hemm ħtieġa ta' rkupru jekk l-Ungerija tabolixxi s-sistema fiskali b'effett retroattiv li jmur lura għad-data tad-dħul fis-seħħ tat-taxxa fuq ir-reklamar fl-2014. Dan ma jipprevjenix lill-Ungerija milli fil-futur, eż. mill-2017, tintroduċi sistema fiskali li mhijiex progressiva u li ma tiddifferenzjax bejn operaturi ekonomiċi soġġetti għat-taxxa.

## 5. **KONKLUŻJONI**

(97) Il-Kummissjoni ssib li l-Ungerija implimentat b'mod illegali l-għajnuna inkwistjoni bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

(98) L-Ungerija trid jew tabolixxi l-iskema ta' għajnuna illegali jew tissostitwiha bi skema ġdida li tikkonforma mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

(99) L-Ungerija għandha tirkupra l-għajnuna.

(100) Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li l-benefiċċju fuq it-taxxa, jiġifieri, t-taxxa ffrankata, li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-livell limitu ta' HUF 100 miljun tista' tikkonforma mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 ([20]) (minn hawn 'il quddiem: "ir-Regolament*de minimis*"). Il-livell massimu li grupp ta' kumpaniji jista' jirċievi huwa EUR 200 000 għal kull perjodu ta' 3 snin, bl-appoġġ kollu *de minimis* meħud inkunsiderazzjoni. Sabiex ikun hemm konformità mar-regoli *de minimis*, il-kundizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fir-Regolament *de minimis* jenħtieġ li jiġu ssodisfati. Fil-każ li l-vantaġġ li jirriżulta mill-eżenzjoni kien jikkonforma mar-regoli *de minimis*, dan ma għandux jikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat illegali u mhux kompatibbli u ma għandux jiġi rkuprat.

([20]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

(101) Din id-deċiżjoni hija adottata mingħajr ħsara għall-investigazzjonijiet li jistgħu jsiru dwar il-konformità tal-miżuri mal-libertajiet fundamentali stabbiliti fit-Trattat, notevolment il-libertà tal-istabbiliment kif iggarantit mill-Artikolu 49 tat-Trattat.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att dwar it-Taxxa fuq ir-Reklamar Ungeriż, inkluż wara l-emenda tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2015, permezz tal-applikazzjoni ta' taxxa fuq id-dħul b'rati progressivi u l-possibbiltà, għall-kumpaniji li ma jkunux għamlu profitt fl-2013, li jnaqqsu t-telf riportat mill-bażi għat-taxxa tal-2014 tagħhom, li ġiet implimentata b'mod illegali mill-Ungerija bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 2*

L-għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 ma tikkostitwixxix għajnuna jekk, fiż-żmien meta tingħata, din tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 ([21]) jew mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 ([22]) skont liema minnhom japplika fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna.

*Artikolu 3*

L-għajnuna individwali mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 li, fiż-żmien li tingħata, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' Regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 imħassar u sostitwit bir-Regolament (UE) 2015/1588 jew permezz ta' kull skema ta' għajnuna oħra approvata, hija kompatibbli mas-suq intern, sal-intensitajiet tal-għajnuna massimi applikabbli għal din it-tip ta' għajnuna.

*Artikolu 4*

1. L-Ungerija għandha tirkupra l-għajnuna mhux kompatibbli mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 mill-benefiċjarji, kif sostnut fil-premessi minn 88 sa 95.

2. Is-somom li jridu jiġu rkuprati għandhom jinkludu l-imgħax mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sal-irkupru effettiv tagħhom.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([23]) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 271/2008 ([24]).

4. L-Ungerija għandha tikkanċella l-pagamenti kollha dovuti tal-għajnuna skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 5*

1. L-irkupru tal-għajnuna mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

([21]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali (ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1).
([22]) Ir-Regolament (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1).
([23]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat (ĠU L 140 30.4.2004, p. 1).
([24]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

2. L-Ungerija għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Ungerija għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista tal-benefiċjarji li rċevew l-għajnuna skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 u l-ammont totali tal-għajnuna riċevut minn kull wieħed minnhom skont l-iskema;

(b) l-ammont totali (il-kapital u l-imgħaxxijiet tal-irkupru) li għandu jiġi rkuprat minn kull benefiċjarju;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħudin u ppjanati għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(d) dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jħallsu lura l-għajnuna.

(2) L-Ungerija għandha żżomm il-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħudin għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm l-irkupru tal-għajnuna mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 jitlesta. Hija għandha tissottometti minnufih, fuq sempliċi talba mill-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri meħudin diġà u ppjanati għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni. Għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata li tikkonċerna l-ammonti ta' għajnuna u imgħax tal-irkupru diġà rkuprati mill-benefiċjarji.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Membru tal-Kummissjoni*

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 180 tad-29 ta' Ġunju 2013)*

Fil-paġna 50, l-Artikolu 34(5), it-tielet sentenza:

*minflok:* "Jekk ir-riċerka mwettqa mill-Istat Membru rikjest li ma rrispettax iż-żmien limitu massimu iżżomm informazzjoni li turi li dan huwa responsabbli, dak l-Istat Membru ma jistax jagħmel użu mill-iskadenza taż-żmien limitu stabbilit fl-Artikolu 21, 23 u 24 bħala raġuni biex jirrifjuta li jkun konformi mat-talba biex jieħu ħsieb jew jieħu lura.",

*aqra:* "Jekk ir-riċerka mwettqa mill-Istat Membru rikjest li ma rrispettax iż-żmien limitu massimu tiġġenera informazzjoni li turi li dan huwa responsabbli, dak l-Istat Membru ma jistax jagħmel użu mill-iskadenza taż-żmien limitu stabbilit fl-Artikolu 21, 23 u 24 bħala raġuni biex jirrifjuta li jkun konformi mat-talba biex jieħu ħsieb jew jieħu lura.".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT